

Brussell, 15 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10150/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0244 (CNS)**

**CADREFIN 109
FIN 472
POLGEN 96
ACP 54
PTOM 19
GROENLAND 1
COEST 123
PECHE 233
ENV 444
EEE 34
RELEX 557**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 461 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra. ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 461 final.

Mehmuż: COM(2018) 461 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.6.2018
COM(2018) 461 final

2018/0244 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra.

(“Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija”)

{SWD(2018) 337 final} - {SEC(2018) 310 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha**

Din il-proposta taqa' fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027 spjegat fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Baġit Modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tawtonomizza u Tiddefendi¹. Il-komunikazzjonijiet stabbilixxew il-prijoritajiet ewlenin u l-qafas baġitarju globali għal azzjoni esterna tal-UE taħt l-intestatura “Il-Viċinat u d-Dinja”. Tali prijorità hija Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka fuq in-naħa l-oħra.

Il-Pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE) ilhom assoċjati mal-Unjoni Ewropea (UE) minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Ruma. Dawn il-25 gżira fl-Atlantiku, l-Antartiku, l-Artiku, il-Karibew, l-Oċean Indjan u r-reġjun tal-Pacifiku² ma humiex pajjiżi sovrani iżda huma dipendenti fuq erba' Stati Membri tal-UE: id-Danimarka, Franza, ir-Renju Unit u n-Netherlands.

Din il-proposta tippredvi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017. Għaldaqstant, din ma tapplikax għat-12-il PTEE marbuta mar-Renju Unit. L-assoċjazzjoni tat-13-il PTEE li għad baqa' mal-Unjoni hija msejsa fuq ir-relazzjonijiet kostituzzjonali ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji mat-tliet Stati Membri: Id-Danimarka, Franza, u n-Netherlands.

B'mod ġenerali, il-PTEE jgawdu minn awtonomija wiesgħa, li tkopri oqsma bħall-affarijiet ekonomiċi, is-suq tax-xogħol, is-saħħa pubblika, l-affarijiet interni u d-dwana. Normalment id-difiża u l-affarijiet barranin jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-PTEE ma humiex parti mit-territorju doganali tal-Unjoni u ma jiffurmawx parti mis-Suq Intern. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tapplikax għalihom. Bħala ċittadini ta' Stati Membri tal-UE fejn il-pajjiżi u t-territorji tagħhom huma marbutin magħhom kostituzzjonalment, PTEE huma wkoll ċittadini tal-UE.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill EU/2013/755³ - id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji barranin - tkopri relazzjonijiet bejn il-PTEE (inkluż Greenland), l-Istati Membri li għandhom rabtiet magħhom, u l-Unjoni Ewropea. Din id-Deċiżjoni tiddekrivi li l-PTEE għandhom relazzjoni speċjali mal-UE bħala parti mill-“familja tal-UE” u l-qafas legali speċifiku li japplika għalihom. Is-sors finanzjarju ewlieni tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji barranin hu l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), li jkopri l-ipprogrammar u l-finanzjament ta' programmi territorjali u reġjonali lill-PTEE għajr Greenland, li għalih hemm deċiżjoni speċifika ffinanzjata mill-baġit tal-UE.

¹ COM (2018) 98 finali, 14.2.2018; COM(2018) 321 finali, 2.5.2018.

² L-Anness II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

³ Id-Deċiżjoni (UE) Nru 2013/755 tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea (“Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija”) ĠU L 344, p. 1, 19.12.2013.

Qabel l-1982 Greenland kien meqjus bħala parti mill-UE permezz tad-Danimarka, u dan ippermetta li l-bastimenti tal-UE jkunu jistgħu jistadu fl-ilmijiet ta' Greenland. Sussegwentement, Greenland irtira mill-UE, u sar assoċjat bħala PTEE permezz tat-Trattat ta' Greenland⁴. It-Trattat enfasizza l-ħtieġa li tinżamm ir-relazzjoni mill-qrib bejn l-UE u Greenland, b'mod partikolari rigward il-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' Greenland u d-drittijiet tas-sajd tal-UE.

Fit-13 ta' Marzu 1984 ġie ffirmat ftehim dwar is-sajd⁵. Wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tar-raba' protokoll dwar is-sajd, il-Kunsill Ewropew fl-2003 ikkonkluda li ftehim għandu jikkunsidra l-importanza tas-sajd u l-problemi ta' żvilupp strutturali f'Greenland. Id-dikjarazzjoni Konġunta tal-2006⁶ bejn l-Unjoni, Greenland u d-Danimarka stabilixxiet objettivi komuni ta' sħubija ġdida. Hija ffirmat il-bażi politika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/526/KE⁷, li ddefinixxiet il-qafas għall-kooperazzjoni għall-perjodu 2007-2013. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/137/UE⁸ issa tkopri l-perjodu 2014-2020 u hi konformi mad-Dikjarazzjoni Konġunta sussegwenti tal-2015 bejn l-UE, Greenland u d-Danimarka, li tafferma mill-ġdid ir-relazzjonijiet mill-qrib bejn il-partijiet.

Id-Deċiżjoni Greenland attwali tikkomplimenta d-Deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni Barranija iżda tiddekrivi xi karatteristiċi speċifiċi għal relazzjonijiet ma' Greenland.

Ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu (Diċembru 2017)⁹ dwar 10 strumenti ta' finanzjament estern, inkluż id-Deċiżjoni Greenland¹⁰ u l-11-il FEŻ, li jinkludi l-ipprogrammar għall-PTEE oħrajn, ikkonkluda li l-istrumenti ta' finanzjament estern kienu "adattati għall-iskop". Madankollu, kemm ir-rapport kif ukoll il-konsultazzjonijiet li saru enfasizzaw il-ħtieġa għal aktar flessibbiltà, simplifikazzjoni, koerenza u prestazzjoni. Dan wassal għal proposta għal Strument futur tal-Viċinat, tal-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Internazzjonali, li se jibbaża fuq lezzjonijiet meħudin sabiex tiġi meġġuna s-simplifikazzjoni tal-arkitettura ta' azzjoni esterna tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija u d-Deċiżjoni Greenland ma jistgħux jiġu inklużi fl-Istrument il-ġdid tal-Viċinat, tal-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Internazzjonali jew fi kwalunkwe att legali ieħor li huwa soġġett għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Dan huwa għaliex it-tnejn li huma għandhom proċedura speċifika ta' adozzjoni: deċiżjoni tal-Kunsill b'unanimità, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew¹¹. Madankollu, biex tissimplifika

⁴ Trattat li jemenda fir-rigward ta' Greenland it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej ĠU L 29 tal-1.2.1985, p. 1

⁵ Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, fuq naħa, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern lokali ta' Greenland, fuq l-oħra, ĠU L 29, 1.1.1985, p. 9.

⁶ Id-Dikjarazzjoni konġunta tal-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, dwar sħubija bejn il-Komunità Ewropea u Greenland, ĠU L 208, 29.7.2006, p. 32.

⁷ Id-Deċiżjoni (KE) Nru 526/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ĠU L 208, 29.7.2006, p.28.

⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2014/137 tal-14 ta' Marzu 2014 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea min-naħa l-waħda, u l-Groenlandja u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra ('Deċiżjoni Groenlandja') ĠU L 76, p. 1, 15.3.2014.

⁹ Ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu kien ibbażat fuq 10 dokumenti ta' ħidma tal-persunal, wieħed għal kull strument (ara l-ħolqa ta' hawn taħt), li min-naħa tagħhom huma bbażati fuq 10 evalwazzjonijiet indipendenti. Id-dokumenti jistgħu jinstabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en.

¹⁰ ĠU L 76, 15.3.2014, p. 1.

¹¹ L-Artikolu 203 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (ĠU C 326, tas-26.10.2012, p. 1)

l-għadd ta' programmi huwa propost li ż-żewġ Deċiżjonijiet għandhom jingħaqdu f'Deċiżjoni waħda li tiġbor lill-PTEE kollha, inkluż Greenland.

Barra minn hekk, l-Artikolu 203 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa l-bażi legali tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija u għad-Deċiżjoni Greenland. Wara l-proposta għall-baġitjar tal-FEŻ, il-finanzjament kemm għal Greenland u għal pajjiżi u territorji extra-Ewropej oħrajn għandu jiġi mill-intestatura ġdida 6 tal-baġit il-“Viċinat u d-Dinja”.

Att leġiżlattiv ġdid għall-PTEE kollha li jkopri l-qafas politiku u legali u dwar kif il-kooperazzjoni se tiġi implimentata se jwassal:

- għall-unità ta' ġestjoni — fejn il-PTEE kollha taħt l-istess sors ta' finanzjament (il-baġit tal-UE) se joħolqu sinerġiji fl-ipprogrammar u fl-implimentazzjoni;
- il-konsolidazzjoni ta' objettivi komuni;
- is-simplifikazzjoni u l-koerenza fil-qafas ġuridiku;
- Profil oġġla għall-PTEE bħala grupp.

Minħabba li ż-żewġ deċiżjonijiet ġew meqjusa bħala “adattati għall-iskop”, il-prinċipju ewlieni huwa biex jinżamm kif inhu dak li jaħdem sew, filwaqt li jkun hemm titjib f'dak li jostakola l-abbiltà tas-sħab biex jagħtu riżultati effettivi tal-politiki u l-prijoritajiet tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri kkonċernati għandhom b'mod sod jinsistu li tinżamm l-istruttura u l-*acquis* attwali dwar l-Assoċjazzjoni Barranija.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam ta' politika**

Ir-regoli u l-proċeduri attwali tal-assoċjazzjoni bejn l-UE u l-PTEE huma stipulati fid-Deċiżjoni 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013¹² dwar l-assoċjazzjoni tal-PTEE mal-Unjoni Ewropea. Dawk li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet ma' Greenland huma mniżżla fid-Deċiżjoni 2014/137/UE tal-14 ta' Marzu 2014¹³ dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea min-naħa l-waħda, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

“Ewropa 2030”¹⁴ tipprovdi punt ta' riferiment għal konsistenza fl-oqsma kollha ta' politika dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-kontribut tagħha għas-sigurtà tal-enerġija u l-Qafas 2030 għal politika għall-klima u l-enerġija. Ser tiġi żgurata wkoll koerenza mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima.

Il-politika integrata tal-Unjoni Ewropea għall-Artiku¹⁵ tirrifletti l-interess strateġiku tal-Unjoni fejn għandha rwol ewlieni fir-reġjun tal-Artiku. Filwaqt li tibni fuq inizjattivi preċedenti, hija tistabbilixxi każ għal politika tal-Unjoni li tiffoka fuq it-tmexxija ‘l quddiem tal-kooperazzjoni internazzjonali biex tirreaġixxi għall-impatti tal-bidla fil-klima fuq l-ambjent fraġli tal-Artiku, u dwar il-promozzjoni u l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli,

¹² ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1.

¹³ ĠU L 76, 15.3.2014, p. 1.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-kontribut tas-sigurtà tal-enerġija u l-Qafas 2030 għal politika għall-klima u l-enerġija, COM (2014) 520 finali.

¹⁵ JOIN (2016) 21.

b'mod partikolari fil-parti Ewropea fl-Artiku. Greenland għandu rwol importanti fl-iżvilupp ta' viżjoni ta' din il-politika bħala parti mir-Renju tad-Danimarka.

L-azzjonijiet iffinanzjati skont din il-proposta għandhom ikunu koerenti ma' dawk imwettqa skont il-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni u l-Faċilità għall-Paċi Ewropea li għadha kemm ġiet proposta. L-azzjonijiet umani tarji m'għandhomx ikunu ffinanzjati skont din il-proposta peress li dawn se jkomplu jiġu ffinanzjati permezz tal-Istrument għall-Għajjuna Umanitarja¹⁶.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tistabbilixxi għan aktar ambizzjuż għall-integrazzjoni tal-klima mal-programmi kollha tal-UE, flimkien ma' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-klima. L-azzjonijiet skont dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu 20 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-oġettivi tal-klima. Il-kontribuzzjoni tal-Programm għall-kisba ta' din il-mira ġenerali se tiġi mmonitorjata permezz ta' sistema li timmarka l-klima tal-UE f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi fejn dawn huma disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta din l-informazzjoni kull sena f'termini ta' approprijazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz ta' baġit annwali.

Biex tappoġġa bi sħiħ il-potenzjal tal-programm li jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-klima, il-Kummissjoni se tftitex li tidentifika l-azzjonijiet rilevanti tal-programm fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, ir-rieżami u l-proċessi ta' evalwazzjoni.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• Il-bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija hi bbażata fuq il-Parti Erbġħa tat-TFUE. Ir-regoli u l-proċeduri ddetaljati tal-assoċjazzjoni huma stipulati f'Deċiżjonijiet tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 203 tat-TFUE, li jipprovdu li atti bħal dawn jiġu adottati permezz ta' proċedura leġislattiva speċjali.

L-Artikoli 198 sa 204 tat-TFUE japplikaw għal Greenland, soġġetti għad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Protokoll Nru 34 dwar l-arranġamenti speċjali għal Greenland annessi mat-TFUE.

• Is-Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)

L-arranġamenti ddetaljati tad-dispożizzjonijiet fil-Parti Erbġħa tat-TFUE jridu jsiru fuq livell tal-Unjoni għaliex l-iskop tal-assoċjazzjoni - l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u r-rabtiet ekonomiċi mill-qrib bejn il-PTEE u l-Unjoni inġenerali - ma jistgħux jinkisbu permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Istati Membri individwali. Barra minn hekk, l-Istati Membri mhux se jkunu kapaċi jieħdu azzjoni rigward ir-reġim tal-kummerċ tal-PTEE, peress li l-UE biss hija responsabbli għall-politika kummerċjali komuni (Parti Ħamsa, Titolu II tat-TFUE).

L-approċċ għall-kooperazzjoni mal-PTEE li jinsab fil-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni jirrispetta l-prinċipji tas-sħubija, il-kumplimentarjetà u s-sussidjarjetà. Din tippromovi li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-PTEE tiġi msejsa fuq dokumenti ta' pprogrammar, li jkunu jaqgħu fir-responsabbiltà kondiviża tal-awtoritajiet kompetenti tal-PTEE u tal-Kummissjoni u li jiddefinixxu l-istrateġiji tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE. Dawn l-istrateġiji ta' kooperazzjoni jkunu bbażati fuq l-oġettivi, l-istrateġiji u l-prijoritajiet relatati mal-iżvilupp li jiġu adottati mill-awtoritajiet kompetenti tal-PTEE. Il-Kummissjoni, il-PTEE u l-Istati Membri tagħhom se jaħdmu flimkien mill-qrib biex jiddeċiedu dwar attivitajiet, b'rispett sħiħ ta' kull imsieħeb mal-poteri istituzzjonali, ġuridiċi u finanzjarji.

¹⁶ Għandha tiġi aġġornata.

Bla ħsara għall-prerogattivi tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-PTEE jgħorru r-responsabbiltà primarja tal-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet maqbula fi ħdan l-istrateġija ta' kooperazzjoni. Il-Kummissjoni tkun responsabbli li tistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet ġenerali għal dawn il-programmi u l-proġetti.

Is-šhubija bejn l-Unjoni Ewropea, Greenland u d-Danimarka se tiffaċilita l-konsultazzjonijiet u d-djalogu politiku dwar l-oġġettivi u l-oqsma ta' kooperazzjoni stabbiliti permezz ta' din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, hija se tiddefinixxi l-qafas li tipprovdi l-bażi għal kooperazzjoni u djalogu b'mod usa' f'oqsma ta' interess reċiproku.

- **Il-proporzjonalità**

Skont l-Artikoli 198 u 199 tat-TFUE, l-assoċjazzjoni se tkompli tipprovdi šhubija komprensiva, li tinkludi qafas istituzzjonali u arranġamenti kummerċjali u li tkopri bosta oqsma ta' kooperazzjoni kif ukoll il-prinċipji bażiċi li jirregolaw l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-PTEE.

Meta jitqiesu l-ispeċifikitajiet tal-PTEE u r-relazzjoni speċjali tagħhom mal-UE, att leġiżlattiv ġdid għall-PTEE kollha li jkopri l-qafas politiku u ġuridiku u dwar kif il-kooperazzjoni għandha tiġi implimentata se jiżgura effettività, koerenza u konsolidazzjoni tal-oġġettivi u l-koerenza komuni, kif ukoll aktar viżibbiltà għall-PTEE bħala grupp. Din il-proposta tressaq approċċ li huwa flessibbli u mfassal għas-sitwazzjoni partikolari ta' kull PTEE.

Għal raġunijiet ta' konsistenza u effikaċja, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-Deċiżjoni proposta se tapplika d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrument għall-Viċinat għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali¹⁷.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet retrospettivi/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Greenland dwar l-implimentazzjoni teħtieġ rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu mhux aktar tard minn Ġunju 2018 biex tinforma dwar xogħol fil-futur dwar id-Deċiżjoni u l-azzjonijiet tagħha. Il-11-il FEŻ, li jinkludi l-ipprogrammar ta' PTEE oħrajn, jirreferi għall-ħtieġa ta' rieżami tal-prestazzjoni sa tmiem l-2018. Għalhekk, id-Deċiżjoni Greenland (2014/137/UE) u l-11 FEŻ kienet inkluża f'evalwazzjoni bi tmien strumenti finanzjarji esterni oħrajn, li kollha, ibbażati fuq l-Artikolu 17 tar-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni¹⁸, kienu jeħtieġu rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu sa tmiem l-2017.

Ir-rapport, adottat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2017¹⁹, ivvaluta jekk dawn l-10 strumenti baqgħux tajbin biżżejjed għall-iskop tagħhom, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-assistenza tal-UE. Huwa kien jikkonsisti f'analiżi globali u 10 Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal individwali, li evalwaw kull strument ta' finanzjament ibbażat fuq evalwazzjonijiet imwettqa minn konsulenti esterni matul l-2016-2017.

¹⁷ [Ir-Regolament NDICI]

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014, ĠU L 77, 14.3.2014, p. 95.

¹⁹ Ir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu kien ibbażat fuq 10 dokumenti ta' ħidma tal-persunal, wieħed għal kull strument (ara l-ħolqa ta' hawn taħt), li min-naħa tagħhom huma bbażati fuq 10 evalwazzjonijiet indipendenti. Id-dokumenti jistgħu jinstabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en.

Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar id-Deċiżjoni ta' Greenland²⁰ ikkonkluda li l-objettiv ewlieni tiegħu — iż-żamma tar-rabtiet mill-qrib u dejjiema bejn il-partijiet, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli f'Greenland — kienet u qiegħda tintlaħaq. Is-sħubija b'saħħitha u l-kooperazzjoni mal-Unjoni Ewropea ppermettiet lil Greenland biex iżid il-bini tal-kapaċità, biex jiżviluppa governanza u sistemi finanzjarji aktar b'saħħithon, u biex isaħħaħ is-sistema edukattiva tiegħu — u, bħala riżultat ta' dan, il-forza tax-xogħol tiegħu.

Id-Deċiżjoni Greenland kienet imfassla b'tali mod biex tkopri u twettaq aħjar l-għanijiet politiċi aktar wiesgħa ta' sħubija mal-Unjoni Ewropea. Bħala tali, din tista' tkompli tikseb l-objettivi tagħha sal-2020.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar il-11-il FEŻ²¹, ikkonkluda li kien rilevanti. Kien mekkaniżmu effiċjenti b'mod ġenerali, b'valur miżjud ippruvat u koerenza interna sodisfaċenti. Xi ineffiċjenzi fl-implimentazzjoni tal-proċeduri għall-PTEE nstabu li kellhom konsegwenzi fuq l-effettività tal-kooperazzjoni.

B'mod ġenerali, ir-rieżami ta' nofs it-terminu kkonkluda li l-istrumenti ta' finanzjament estern kienu adattati għall-iskop, rilevanti, fil-biċċa l-kbira tagħhom konformi mal-objettivi tal-UE u mal-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab u flessibbli biżżejjed biex jappoġġaw u jippermettu l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika li qed jevolvi. Madankollu, il-multipliċità ta' strumenti u proċessi nstabu li qed idgħajfu l-koerenza ġenerali u l-viżibbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE, b'sinerġiji u komplementarjetajiet mhux sfruttati b'mod sħiħ.

Biex twieġeb għal sfidi politiċi u operazzjonali stabbiliti fl-evalwazzjonijiet, l-azzjoni esterna tal-baġit tal-UE teħtieġ li żżid l-enfasi tagħha fuq erba' kwistjonijiet trasversali ewlenin: il-flessibbiltà, is-simplifikazzjoni, il-koerenza u l-prestazzjoni.

Id-Deċiżjoni Greenland hija integrata mad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija, li tkopri wkoll il-Groenlandja, u r-riżorsi finanzjarji kemm għal Greenland u kemm għal PTEE oħrajn li minn issa 'l quddiem se jiġu mill-istess intestatura tal-baġit tal-UE. L-amalgamazzjoni taż-żewġ deċiżjonijiet għalhekk se twassal għal simplifikazzjoni, flessibbiltà u koerenza, hekk kif ir-relazzjonijiet politiċi mal-PTEE kollha u r-riżorsi finanzjarji se jinġiebu flimkien taħt strument wieħed. Dan ser jenfasizza u jsaħħaħ l-istatus speċjali tal-PTEE u jintensifika l-fokus fuq l-ispeċifitajiet tal-PTEE meta mqabbel ma' msieħba oħra tal-iżvilupp u jenfasizza li l-fokus fil-kooperazzjoni mal-PTEE huwa l-iżvilupp sostenibbli tagħhom.

• **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Relazzjonijiet mal-PTEE, inkluż Greenland, ġew diskussi f'sessjoni tematika li jikkonċerna wara l-2020 matul it-16-il Forum bejn l-UE u l-PTEE fi Brussell fit-23 ta' Frar 2018 u f'dokument ta' sfond dwar id-dibattitu ta' wara l-2020 u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-PTEE²², ikkommissjonat tal-Assoċjazzjoni tal-PTEE (OCTA).

Barra minn hekk, matul l-evalwazzjoni esterna tal-istrumenti ta' finanzjament estern, inkluż id-Deċiżjoni Greenland u l-11-il FEŻ, saret konsultazzjoni pubblika miftuħa fuq 12-il ġimgħa, li nġalqet fit-3 ta' Mejju 2017²³. Il-konsultazzjoni ġabret ukoll kontributi preliminari fl-istrumenti futuri ta' finanzjament estern. Il-konsultazzjoni ħadet il-forma ta' (i) sħarriġ online, li kien fih xi mistoqsijiet ta' gwida li jiffaċilitaw il-feedback, u (ii) laqgħat wiċċ imb'wiċċ ma' partijiet ikkonċernati ewlenin.

²⁰ https://ec.europa.eu/europeaid/mid-term-review-report-external-financing-instruments_en

²¹ https://ec.europa.eu/europeaid/mid-term-review-report-external-financing-instruments_en

²² Ir-rapport għadu mhux pubbliku iżda hu approvat mill-Kummissjoni.

²³ https://ec.europa.eu/europeaid/public-consultation-external-financing-instruments-european-union_en

Il-kwistjonijiet li ġejjin ġew enfasizzati matul din il-konsultazzjoni:

Id-dokument ta' sfond ikkummissjonat minn OCTA jindika li, b'mod ġenerali, il-PTEE jikkunsidraw li d-Deċizzjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija gābet magħha ħafna progress u sservi ta' għodda legali tajba bl-ebda ħtieġa ta' modifika sinifikanti. Kooperazzjoni bejn il-PTEE u l-UE fil-futur tkun ta' ġid billi tiffoka fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Ir-relazzjonijiet futuri jistgħu joperaw permezz ta' strument tal-PTEE awtonomu u tal-baġit, b'regoli adatti, li jippermettu għal ipprogrammar fluwidu, flessibbli u sempliċi. L-inkorporazzjoni tal-FEŻ fil-baġit tal-UE għandha tintlaqa' tajjeb, jekk jinżammu ċerti karatteristiċi ta' flessibbiltà tal-FEŻ. Uħud mill-PTEE talbu għal aktar appoġġ finanzjarju b'rikonoxximent tal-karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi tagħhom u l-appartenenza tagħhom mal-familja tal-UE.

Din il-fehma kienet appoġġata mill-Istati Membri, li jqisu li d-Deċizzjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija pprovdiet bażi tajba għal kooperazzjoni bejn il-PTEE u l-UE, anke jekk kienu mistennija bidliet sinifikanti fl-implimentazzjoni. Id-dokument ta' sfond sab ukoll li l-Istati Membri kienu miftuħa għal strument ta' baġit speċifiku sakemm id-dispożizzjonijiet mehmuża jibqgħu xierqa, u b'mod aktar speċifiku li l-modalità tal-appoġġ baġitarju u l-prinċipju pluriennali jiġu ppreservati.

Matul il-konsultazzjoni pubblika dwar l-evalwazzjoni tad-Deċizzjoni Greenland kien hemm qbil ġenerali li d-Deċizzjoni kienet rilevanti u effettiva fis-segwitu u t-twettiq tal-oġettivi ġenerali u speċifiċi u b'mod li jirrifletti l-prinċipji ġenerali tagħha fir-rigward tal-iffaċilitar ta' djalogu politiku dwar kwistjonijiet globali u tal-Artiku. Meta wieħed iqis l-assistenza finanzjarja wara l-2020, il-proċeduri għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja għal Greenland tista' b'mod utli tiġi pparagunata mal-proċeduri tal-FEŻ disponibbli għal PTEE oħrajn. Id-Deċizzjoni Greenland kienet meqjusa bħala strument utli għaż-żamma u t-tisħiħ ta' rabtiet b'saħħithom bejn Greenland u l-Unjoni. L-aspetti politiċi tar-relazzjonijiet kienu evolwew ħafna matul is-snin.

- **Kompetenza esterna**

L-evalwazzjoni esterna tad-Deċizzjoni Greenland u tal-11-il FEŻ kienet użata bħala l-baży għar-rapport tar-rieżami ta' nofs it-terminu u d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawha. Barra minn hekk, dokument ta' sfond dwar id-dibattitu ta' wara l-2020 u l-implikazzjonijiet tagħha ġie kkummissjonat mill-PTEE u mwettaq esternament.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fl-2018, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt li tkopri l-istrumenti kollha taħt l-intestatura "Ewropa Globali" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020 (QFP). Il-valutazzjoni tal-impatt iffukat fuq l-emendi prinċipali proposti għal azzjoni esterna fil-QFP 2021–2027. Dawn il-bidliet kienu jinkludu r-razzjonalizzazzjoni ta' diversi strumenti fi strument wieħed wiesa' u l-integrazzjoni tal-FEŻ fil-baġit tal-UE.

L-analiżi kkonkludiet li l-vantaġġi tal-integrazzjoni tal-FEŻ fil-baġit ikunu ikbar miż-żvantaġġi sakemm jiġu sodisfati ċerti prekondizzjonijiet. Pereżempju, l-ammont allokat għal azzjoni esterna m'għandix tkun inqas mis-somma tal-FEŻ u l-istrumenti esterni oħrajn ikkombinati; il-flessibbiltajiet tal-FEŻ għandhom jiġu trasferiti sa fejn ikun possibbli; u operazzjonijiet militari ffinanzjati skont il-Fond għall-Paċi fl-Afrika tal-FEŻ għandhom jitkoplew permezz ta' mekkaniżmu ieħor barra l-baġit.

L-istudju tal-impatt ikkonkluda wkoll li l-bieċa l-kbira tal-istrumenti minbarra dawk b'baży ġuridika speċifika ħafna jew oġettivi jistgħu jiġu amalgamati. L-istrumenti li jistgħu jiġu

amalgamati inklużi l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi u l-Istrument ta' Sħubija. Dawk li għandhom jibqgħu separati jinkludu: Għajnuna Umanitarja; il-baġit tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni; parti mill-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari, Pajjiżi u territorji extra-Ewropej, inkluż Greenland Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni; L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni; l-iskema tal-voluntiera tal-għajnuna tal-UE; l-appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta Torca; ir-riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

Kif enfasizzat mill-Kummissjoni²⁴ u appoġġat minn feedback mingħand l-imsieħba waqt il-konsultazzjoni pubblika miftuħa, l-arkitettura attwali tal-istrumenti ta' finanzjament estern hija kumplessa wisq. Is-simplifikazzjoni ta' numru ta' strumenti fi strument wiesa' tipprovdi opportunità għar-razzjonalizzazzjoni tas-sistemi tagħhom ta' maniġment u ta' sorveljanza u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Li jkun hemm sistema ta' sorveljanza simplifikata li tippermetti lill-istituzzjonijiet rilevanti li jkollhom għarfien aħjar u aktar komprensiv tan-nefqa esterna tal-UE.

Fil-25 ta' April 2018, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet eżaminata mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju u rċieviet opinjoni pożittiva b'kummenti.

- **Is-simplifikazzjoni**

F'termini ta' simplifikazzjoni, ir-razzjonalizzazzjoni tal-arkitettura ġuridika għandha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv meta mqabbel mal-istrumenti attwali. Attwalment, ir-relazzjonijiet mal-PTEE u r-riżorsi finanzjarji tagħhom (inkluż l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ta' regoli) huma koperti minn erba' strumenti: (i) id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija, (ii) il-11-il regolament FEŻ, (iii) id-Deċiżjoni Greenland u (iv) ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

Id-Deċiżjoni proposta toffri strument uniku li jkopri kemm l-aspetti politiċi u r-relazzjonijiet speċifiċi bejn l-Unjoni u l-PTEE. Hija tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi fejn meħtieġ bħala gwida għar-relazzjoni ma' Greenland, ir-riżorsi finanzjarji konsolidati taħt intestatura waħda tal-baġit tal-UE u r-regoli ta' implimentazzjoni, li fil-biċċa l-kbira se jsegwu l-Istrument tal-Viċinat, tal-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Internazzjonali sabiex jiżgura koerenza u simplifikazzjoni. Fejn meħtieġ, id-Deċiżjoni proposta ser tipprovdi regoli simplifikati u speċifiċi għall-PTEE, kif ukoll il-kwistjoni tal-ipprogrammar.

Barra minn hekk, it-trasferiment (sa fejn ikun possibbli) ta' karatteristiċi FEŻ bħall-prinċipju pluriennali se jipprovdi proċeduri eħfef u aktar flessibbli li qabel ma kienux disponibbli għal Greenland. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni proposta se tissimplifika l-ġestjoni u l-arkitettura ta' sorveljanza attwali ta' sett ta' strumenti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-riżorsi finanzjarji għal Greenland se jiġu mill-intestatura tal-baġit 6 tal-baġit tal-UE: "Il-Viċinat u d-Dinja". Minħabba l-intenzjoni li jiġu trasferiti xi karatteristiċi tal-FEŻ bħall-

²⁴ B'mod partikolari dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE (Ġunju 2017) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill; COM (2018) 98 finali, 14.2.2018.

prinċipju pluriennali għall-baġit tal-UE, dan se jissimplifika l-proċeduri attwali għall-allokazzjoni ta' fondi għal Greenland.

Dwar PTEE oħrajn, l-allokazzjonijiet finanzjarji tagħhom se jiġu trasferiti mill-FEŻ għall-Intestatura tal-Baġit il-“Viċinat u d-Dinja”.

Skont il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar baġit modern għal Unjoni li tipproteġi, li tagħti s-setgħa u li tiddefendi²⁵, skont l-intestatura l-“Viċinat u d-dinja” ġew allokati EUR 500 miljun għall-kooperazzjoni mal-PTEE.

Din id-Deċiżjoni tipprovdi għal ammont totali ta' EUR 500 000 000 (fi prezzijiet attwali) li se jiġu allokati għall-assoċjazzjoni mal-PTEE. Minn dan l-ammont, EUR 225 000 000 se jkunu allokati lil Greenland, EUR 225 000 000 għal PTEE oħrajn, li jinkludu EUR 159 000 000 għal programmi territorjali u EUR 66 000 000 għal programmi reġjonali. Barra minn hekk, il-pakkett finanzjarju intrareġjonali ta' EUR 15 000 000 huwa miftuħ għall-PTEE kollha, inkluż Greenland. Barra minn hekk, ammont ta' EUR 22 000 000 għal assistenza teknika huwa previst skont id-Deċiżjoni l-ġdida kif ukoll ammont mhux allokati ta' EUR 13 000 000.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-monitoraġġ, l-arranġamenti għall-
evalwazzjoni u għar-rappurtar**

L-implimentazzjoni, l-arranġamenti tal-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rappurtar ser isegwu r-regoli stabbiliti fl-Istrument tal-Viċinat, tal-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Internazzjonali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Deċiżjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-abbozz ta' deċiżjoni**

Hekk kif id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija u skont id-Deċiżjoni Greenland se jiġu amalgamati, iż-żoni kollha li huma simili jew għandhom sinerġiji se jiġu amalgamati. L-istruttura tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija attwali u l-biċċa l-kbira mid-dispożizzjonijiet fiha ser jinżammu, fejn meħtieġ, l-ispeċifitàjiet tar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni tal-Unjoni m' Greenland se jiġu enfasizzati, bħal m'hu l-għan li tippreserva rabtiet mill-qrib u dejjiema bejn l-Unjoni Ewropea, Greenland u d-Danimarka; l-għarfien tal-pożizzjoni ġeostrateġika ta' Greenland; id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni potenzjali dwar kwistjonijiet tal-Artiku; u s-sigurtà alimentari. Bħala riżultat, il-kisbiet pożittivi tad-Deċiżjoni Greenland se jinżammu.

Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija l-ġdida għandha tikkonsisti mill-istess struttura bl-istess pilastri tal-politika, kummerċjali u ta' kooperazzjoni bħad-Deċiżjoni attwali. Il-bidliet ewlenin jinkludu:

- Id-Deċiżjoni proposta se tqis il-konsegwenzi tal-irtirar tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u l-fatt li l-iskema speċjali stabbilita fil-Parti Erbġħa tat-TFUE ma tibqax tapplika għat-12-il PTEE Brittaniċi.

²⁵ COM (2018) 98 finali, 14.2.2018; COM (2018) 321 finali, 2.5.2018.

- Minn perspettiva formali, qed isir aġġornament ġenerali tat-test u l-annessi tiegħu, partikolarment biex jittieħed kont tal-aħħar bidliet fit-tassazzjoni u tal-leġislazzjoni dwar il-kummerċ.
- Bil-FEŻ jiġi integrat fil-baġit tal-UE, l-Annessi IV u V tad-Deċiżjoni *attwali* se titħassar. Barra minn hekk, l-Anness I dwar PTEE iżolati ġie integrat fid-Deċiżjoni. L-Anness III dwar il-ġestjoni tar-riżorsi proprji tal-BEI ser jiġi rrevokat.
- Iż-żieda u l-aġġornament ta' dispożizzjonijiet li jirriflettu l-istat attwali tar-relazzjonijiet ma' Greenland skont l-Artikolu 3 (objettivi, prinċipji u valuri), l-Artikolu 5 (interessi reċiproki, kumplimentarjetà u prijoritajiet), l-Artikolu 13 (prinċipji ta' gwida għad-djalogu), l-Artikolu 23 (artikolu ġdid dwar materja prima), l-Artikolu 31 (il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni), u l-Artikolu 35 (is-saħħa pubblika u s-sigurtà tal-ikel).
- Il-Parti IV dwar il-Finanzjament ta' Kooperazzjoni tinkludi pakkett finanzjarju ddedikat taħt l-intestatura tal-baġit 6 il-“Viċinat u d-Dinja” għall-PTEE. Tipprovdi wkoll:
 - Klawsola ta' riferiment ġenerali għall-Istrument tal-Viċinat, tal-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni finanzjarja tad-Deċiżjoni proposta. Madankollu, id-Deċiżjoni proposta se tkompli tipprovdi eżerċizzju ta' programmar speċifiku u ssimplifikat għall-PTEE;
 - Il-PTEE ser jibqgħu eliġibbli taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss biex jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni bħala kwistjoni ta' prinċipju. Huma ser ikunu eliġibbli għall-programmi tematiċi u l-azzjonijiet ta' reazzjoni rapida tal-Istrument tal-Viċinat, tal-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Internazzjonali.
 - Dispożizzjoni/faċilità speċifika tippermetti lill-Kummissjoni biex tippromwovi b'mod attiv proġetti intrareġjonali bejn il-PTEE, u Stati jew territorji mhux tal-AKP, u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra.
(“Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija”)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²⁶,

Filwaqt li jaġixxi f’konformità ma’ proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli u l-proċedura għall-assoċjazzjoni tal-UE ma’ Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (PTEE), inkluż Greenland, u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE²⁷ (“Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea”) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/137/UE²⁸ (“Deċiżjoni Greenland”).
- (2) Skont l-Artikolu 204 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 198 sa 203 tat-TFUE japplikaw għal Greenland, soġġetti għad-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Protokoll Nru 34 għat-TFUE dwar arranġamenti speċjali għal Greenland. Skont it-Trattat ta’ Greenland²⁹, ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni min-naħa l-waħda, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra, huma rregolati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/137/UE³⁰ li tenfasizza l-konnessjonijiet stretti storiċi, politiċi, ekonomiċi u kulturali mill-qrib bejn l-Unjoni u Greenland u tiddefinixxi sħubija u kooperazzjoni speċifiċi. Id-Deċiżjoni 2014/137/UE tiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2020.
- (3) Mill-1 ta’ Jannar 2021, l-assistenza tal-Unjoni għall-PTEE li qabel kienet ifffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.
- (4) Sabiex jiġu ssimplifikati n-numru ta’ Strumenti ta’ Finanzjament Estern u l-prestazzjoni tagħhom, ir-relazzjonijiet mal-PTEE kollha, inkluż Greenland, għandhom ikunu miġbura mill-ġdid billi d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija u d-Deċiżjoni Greenland jiġu sostitwiti b’Deċiżjoni waħda.

²⁶ Opinjoni ta’ xx/xx/xxxx (għadha ma’ ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

²⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta’ Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea), ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1.

²⁸ Id-Deċiżjoni 2014/137/UE tal-14 ta’ Marzu 2014 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea min-naħa l-waħda, u l-Groenlandja u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (‘Deċiżjoni Groenlandja’) ĠU L 76, 15.3.2014, p. 1.

²⁹ Trattat li jemenda fir-rigward ta’ Greenland it-Trattati li jstabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej ĠU L 29 tal-1.2.1985, p. 1

³⁰ ĠU L 76, 15.3.2014, p. 1.

- (5) Is-sħubija skont din id-Deċiżjoni għandha tippermetti biex jitkomplew ir-relazzjonijiet b'saħħithom bejn l-Unjoni min-naħa waħda, u l-PTEE kollha min-naħa l-oħra.
- (6) Din id-Deċiżjoni l-ġdida għandha tenfasizza d-dettalji speċifiċi dwar il-kooperazzjoni ma' Greenland, bħalma hu l-oġettiv li jinżammu r-rabtiet mill-qrib u dejjiema bejn l-Unjoni Ewropea, Greenland u d-Danimarka, ir-rikonoxximent tal-pożizzjoni ġeostrateġika ta' Greenland, u l-importanza ta' djalogu dwar il-politika bejn Greenland u l-Unjoni, l-eżistenza ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni u Greenland u l-kooperazzjoni potenzjali dwar kwistjonijiet tal-Artiku. Għandha twieġeb għall-isfidi globali, filwaqt li tippermetti l-iżvilupp ta' aġenda proattiva u l-kisba ta' interessi reċiproċi, b'mod partikolari, l-impatt dejjem jikber tat-tibdil fil-klima fuq l-attività tal-bniedem u l-ambjent, it-trasport marittimu, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima u l-istokkijiet tal-ħut, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni.
- (7) It-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja tiegħu ma japplikawx awtomatikament għall-PTEE, bl-eċċezzjoni ta' numru ta' dispożizzjonijiet li jistipulaw il-kuntrarju b'mod espliċitu. Għalkemm mhumiex pajjiżi terzi, il-PTEE ma jiffurmawx parti mis-suq uniku u jridu jikkonformaw mal-obbligi imposti fuq pajjiżi terzi rigward kummerċ, partikolarment ir-regoli tal-oriġini, l-istandards tas-saħħa u s-saħħa tal-pjanti u l-miżuri ta' salvagwardja.
- (8) Ir-relazzjoni speċjali bejn l-Unjoni u l-PTEE qed tinbidel minn approċċ ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u għal sħubija reċiproka li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE. Barra minn hekk, is-solidarjetà bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tissegjes fuq ir-relazzjoni unika ta' bejniethom u l-fatt li t-tnejn li huma jagħmlu parti mill-istess familja Ewropea.
- (9) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ('Aġenda 2030'), adottata min-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2015, hija t-tweġiba tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet globali fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli. Bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa - fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas politiku trasformattiv biex teqred il-faqar u tikseb żvilupp sostenibbli globalment. Hi universali fl-għan tagħha, li tipprovdi l-qafas għal azzjoni komuni komprensiva li tapplika kemm għall-Unjoni kif ukoll għas-sħab tagħha. Hija toħloq bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli u tirrikonoxxi l-interkonnnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. L-implimentazzjoni tagħha ser tkun ikkoordinata mill-qrib ma' impenji internazzjonali oħrajn. L-azzjonijiet implimentati taħt din id-Deċiżjoni ser jagħtu attenzjoni partikolari għal interkonnnessjonijiet bejn SDGs u għal azzjonijiet integrati li jistgħu jgħolqu kobenefiċċji u jilħqu bosta oġettivi b'mod koerenti.
- (10) L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tkompli tkun imsejsa fuq tliet pilastri li huma t-titjib tal-kompetittività, it-tiġid tar-reżiljenza u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-integrazzjoni bejn il-PTEE u sħab oħrajn u reġjuni ġirien.
- (11) L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni allokata permezz tas-sħubija, għandha ġġib magħha perspettiva Ewropea għall-iżvilupp tal-Groenlandja u għandha tikkontribwixxi għat-tiġid tar-rabtiet mill-qrib u dejjiema magħha, filwaqt li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-PTEE bħala ċentri avvanzati tal-Unjoni, ibbażat fuq il-valuri komuni u l-istorja li tgħaqqad lill-imsieħba.
- (12) Meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tal-PTEE, u minkejja l-istatus differenti fil-konfront tad-dritt tal-Unjoni ta' kull attur f'żona ġeografika partikolari, il-kooperazzjoni bejniethom u mal-ġirien tagħhom għandha ssir b'mod li tħares l-interessi tal-partijiet kollha b'enfasi partikolari fuq oqsma ta' interess komuni u l-promozzjoni tal-valuri u l-istandards tal-Unjoni.
- (13) Bosta PTEE huma ġirien tar-reġjuni ultraperiferiċi, imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u lil pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u pajjiżi u territorji terzi oħra u s-sehem ta' bżonnijiet komuni mal-ġirien tagħhom mill-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-

preservazzjoni tal-bijodiversità ma' kwistjonijiet relatati mal-oċeani, id-diversifikazzjoni ekonomika u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.

- (14) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 "Strateġija mgħedda b'saħħtu u sħubija strateġika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni"³¹, il-Konklużjonijiet tat-15 u 16-il Forum u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għan-negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-AKP³² tappella għal tisħiħ ta' programmi ta' kooperazzjoni reġjonali li jinvolvu l-PTEE u l-ġirien tagħhom.
- (15) Il-PTEE jospitaw bijodiversità terrestri u marina wiesgħa. It-tibdil fil-klima qed jaffettwa l-ambjent naturali tal-PTEE u jikkostitwixxi theddida li tipperikola l-iżvilupp sostenibbli tagħhom. L-azzjonijiet fil-qasam tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' enerġija sostenibbli jikkontribwixxu għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-PTEE. L-assoċjazzjoni għandha jkollha l-għan li tiżgura l-konservazzjoni, ir-restawrazzjoni u l-użu sostenibbli ta' diversità bijoloġika u s-servizzi tal-ekosistemi bħala element ewlieni għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli.
- (16) Filwaqt li jirrifletti fuq l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm ser jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefġiet tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġettivi tal-klima. L-azzjonijiet skont dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu 20 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-oġettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul l-implimentazzjoni tal-Programm u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha ta' nofs it-terminu u l-proċessi ta' rieżami.
- (17) Ir-rwol sinifikanti li jista' jkollhom il-PTEE biex jagħtu kontribut għall-impenji tal-UE fi ħdan il-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali għandu jiġi rikonoxxut fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-PTEE.
- (18) L-Unjoni u l-PTEE jirrikonoxxu l-importanza speċjali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali li jwasslu għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE.
- (19) L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tqis u tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tad-diversità kulturali u tal-identità tal-PTEE.
- (20) Il-kooperazzjoni rigward il-kummerċ u rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tikkontribwixxi għall-għan ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali.
- (21) Din id-Deċiżjoni għandha tipprevedi regoli tal-orijini aktar flessibbli, fosthom possibbiltajiet ġodda għal kumulu tal-orijini. Il-kumulu għandu jkun possibbli biss mal-PTEE u mal-pajjiżi tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE), iżda skont ċerti kundizzjonijiet, anke għall-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li magħhom l-Unjoni tapplika ftehim ta' kummerċ ħieles kif ukoll għal prodotti li jidħlu fl-Unjoni mingħajr dazju u mingħajr kwoti skont is-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati tal-Unjoni, li wkoll huma soġġetti għall-kundizzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet huma neċessarji biex tiġi evitata ċ-ċirkumvenzjoni tal-kummerċ u jiġi żgurat l-iffunzjonar xieraq tal-ftehimiet ta' kumulu.
- (22) Il-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tal-orijini tal-PTEE għandhom jiġu aġġornati, fl-interess tal-operaturi u l-amministraturi kkonċernati fil-PTEE. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Unjoni u l-PTEE ukoll għandhom jiġu aġġornati kif xieraq.

³¹ COM (2017) 623 finali, 24.10.2017

³² COM (2017) 763 finali, 12.12.2017

- (23) Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati biżżejjed fir-rigward tas-salvagwardja u s-sorveljanza. Dan jista' iwassal sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-PTEE u tal-Unjoni, kif ukoll l-operaturi ekonomiċi, jkunu jistgħu jiddependu fuq regoli u proċeduri trasparenti. Fl-aħħar nett, hija kwistjoni ta' interess komuni li tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri u l-arranġamenti li jippermettu lill-PTEE li jesportaw prodotti lejn l-Unjoni mingħajr dazju u mingħajr kwoti.
- (24) B'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tal-integrazzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ globali fil-qasam tas-servizzi u l-istabbiliment, huwa neċessarju li jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' swieq tas-servizzi u possibbiltajiet ta' investiment billi jittejjeb l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-PTEE u jsir investiment fis-suq tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni għandha toffri lill-PTEE l-aħjar trattament possibbli li jiġi offrut lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali permezz ta' klawnsoli komprensivi tal-aktar nazzjon favorit, filwaqt li tiżgura aktar possibbiltajiet flessibbli għar-relazzjonijiet kummerċjali lill-PTEE billi t-trattament offrut mill-PTEE lill-Unjoni jiġi limitat għal dak li ġie offrut lill-ekonomiji kummerċjali maġġuri.
- (25) Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tikkontribwixxi għall-bini ta' sistema finanzjarja aktar sikura, qawwija u trasparenti li hija essenzjali għat-titjib tal-istabbiltà finanzjarja globali u għall-irfid tal-iżvilupp sostenibbli. L-isforzi f'dak il-qasam għandhom jiffokaw fuq il-konverġenza ma' standards maqbula fil-livell internazzjonali u l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tal-PTEE mal-acquis tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Għandha tingħata l-attenzjoni xierqa għat-tishiġ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tal-PTEE, inkluż fil-qasam tas-supervizzjoni.
- (26) L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tiffoka fuq oqsma fejn ikollha l-akbar impatt, wara li tiġi kkunsidrata l-kapaċità tagħha li taġixxi fuq skala globali u twieġeb għall-isfidi globali bħall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv jew il-promozzjoni tad-demokrazija madwar id-dinja, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, l-involvement prevedibbli u fit-tul tagħha fl-għajnuna għall-iżvilupp u r-rwol tagħha fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri tagħha.
- (27) Fl-interess tal-effiċjenza, is-simplifikazzjoni u r-rikonossiment tal-kapaċitajiet amministrattivi tal-awtoritajiet tal-PTEE, ir-riżorsi finanzjarji li jingħataw lill-PTEE għandhom jiġu ġestiti abbażi ta' sħubija reċiproka. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-PTEE għandhom jassumu r-responsabbiltà għall-ifformular u l-implimentazzjoni ta' dawk il-politiki maqbula bejn il-partijiet bħala strateġiji ta' kooperazzjoni. Ir-riżorsi amministrattivi u umani limitati tal-PTEE għandhom jieħdu kont tal-proċess ta' programmar u implimentazzjoni.
- (28) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Assoċjazzjoni tal-PTEE mal-Unjoni, id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija, li għandha tikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza, skont it-tifsira tal-Punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' [---] bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tul il-proċedura baġitarja annwali.
- (29) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, japplikaw għal din id-Deċiżjoni. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwisti, premji, implimentazzjoni indiretta, u jipprovdu għal verifiki dwar ir-responsabbiltà ta' atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati rigward l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u effettiva tal-fondi tal-Unjoni.

- (30) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont din id-Deċiżjoni, għandhom jintgħażlu skont l-abbiltà tagħhom li jiksbu l-oġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta' nonkonformità mistenni. Dan għandu jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.
- (31) L-Unjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan għandu jinklud permezz ta' koerenza u komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji bejn politiki u programmi oħrajn tal-Unjoni. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt ta' interventi kkombinati biex jintlaħaq oġettiv komuni, din id-Deċiżjoni għandha tippermetti l-kombinament ta' finanzjament ma' Programmi oħrajn tal-Unjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkopru l-istess kostijiet.
- (32) Din id-Deċiżjoni għandha tirreferi, fejn meħtieġ, biex [ir-Regolament NDICI] (l-Istrument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali) għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni u b'hekk tiżgura l-koerenza fil-ġestjoni tal-istrumenti kollha.
- (33) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi u t-tibdil fil-leġislazzjoni doganali u kummerċjali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kontenut tal-Anness II, III u IV biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel dawn il-bidliet fid-Deċiżjoni. Skont il-paragrafu 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³³, hemm il-ħtieġa li jiġi evalwat dan il-Programm fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post. Huwa ta' importanza partikolari li waqt il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa anki fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet jsiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016³⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tnejn tal-atti delegati.
- (34) Ir-referenzi tal-istrumenti ta' assistenza esterna fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE³⁵ għandhom jinqraw bħala referenza wkoll għal din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata skont ir-rwol tas-SEAE kif previst f'din id-Deċiżjoni.
- (35) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10(6) u 16(8) tal-Anness II, l-Artikolu 2 tal-Anness III, l-Artikolu 5 u 6 tal-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu *eżerċitati* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

³³ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. ĠU 123, 12.5.2016, p. 1.

³⁴ idem

³⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

- (36) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95³⁷, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96³⁸ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939³⁹, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn hu adatt, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tagħti drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Għal din ir-raġuni, il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi u territorji u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u kwalunkwe kuntratt jew ftehim li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF biex iwettqu verifiki, kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u li jiżguraw li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.
- (37) Bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill għandu jkun jista' jagħti tweġiba innovattiva għall-fatturi kollha msemmija hawn fuq, li tkun konsistenti u mfassla għal diversi sitwazzjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

PARTI I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI TAL-ASSOĊJAZZJONI TA' PAJJIŻI U TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ (PTEE) MAL-UNJONI

³⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, ĠU L248, 18.9.2013, p. 1.

³⁷ Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, ĠU L 312, 23.12.95, p.1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01 Volum 001 P. 340 - 343).

³⁸ Ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra, ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 09 Volum 001 P. 303 - 306).

³⁹ Ir-Regolament (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), ĠU L283, 31.10.2017, p.1.

⁴⁰ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 **Suġġett**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE) mal-Unjoni (l-“assoċjazzjoni”), li tikkostitwixxi sħubija, imsejsa fuq l-Artikolu 198 tat-TFUE, sabiex jingħata appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE kif ukoll jiġu promossi l-valuri u l-istandards tal-Unjoni mad-dinja.
2. L-imsieħba fl-assoċjazzjoni huma l-Unjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li huma marbuta magħhom.
3. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, fl-Artikolu 73 tagħha, il-programm ta’ finanzjament għall-assoċjazzjoni tal-PTEE kollha għall-perjodu 2021–2027 (il-“Programm”). Tistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-forom ta’ finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta’ tali finanzjament, kif stabbilit fl-Anness I ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2 **Applikazzjoni territorjali**

L-assoċjazzjoni għandha tapplika għall-PTEE elenkati fl-Anness II tat-TFUE.

Artikolu 3 **Objettivi, prinċipji u valuri**

1. L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tissejjes fuq objettivi, prinċipji u valuri kondiviżi mill-PTEE, l-Istati Membri li huma marbuta magħhom u l-Unjoni.
2. L-imsieħba jagħrfu d-dritt ta’ kull wieħed minnhom li jiddeterminaw il-politiki u l-prijoritajiet tagħhom, li jistabbilixxu livelli domestiċi ta’ ħarsien ambjentali u tax-xogħol, u li jadottaw jew jimmodifikaw kif xieraq il-liġijiet u l-politiki rilevanti, konsistentement mal-impenn tar-rispett ta’ standards u ftehimiet internazzjonali magħrufa. Meta jagħmlu dan, huma għandhom iħabirku biex jiżguraw livelli għoljin ta’ ħarsien ambjentali u tax-xogħol.
3. Fl-implimentazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni, l-imsieħba għandhom jitmexxew mill-prinċipji tat-trasparenza, is-sussidjarjetà u l-ħtieġa ta’ effiċjenza u għandhom jindirizzaw it-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE bl-istess mod: l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali.
4. L-objettiv ġenerali ta’ din id-Deċiżjoni hija l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u t-territorji extra Ewropej u l-istabbiliment ta’ relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejnhom u l-Unjoni fit-totalità tagħha. L-assoċjazzjoni għandha ssegwi dan l-objettiv ġenerali permezz tat-titjib tal-kompetittività tal-PTEE, it-tiħiħ tar-reżiljenza tal-PTEE, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali tagħhom u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejniethom u mal-imsieħba.
5. F’konformità mal-Artikoli 3(5) u 21 tat-TUE, l-objettivi speċifiċi ta’ din id-Deċiżjoni huma dawn li ġejjin:
 - (a) It-trawwim u l-appoġġ tal-kooperazzjoni mal-PTEE,

- (b) li jkun hemm appoġġ u kooperazzjoni ma' Greenland fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tiegħu għal żieda fil-livell tal-edukazzjoni u biex jingħata kontribut għall-kapaċità tal-amministrazzjoni ta' Greenland biex jiffirma u jimplimenta aħjar il-politiki nazzjonali.
6. Fl-ilħuq ta' dawn l-oġġettivi, l-assoċjazzjoni għandha tirrispetta l-prinċipji fundamentali tal-libertà, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-iżvilupp sostenibbli, li kollha kemm huma huma komuni għall-PTEE u għall-Istati Membri li huma marbuta magħhom.

Artikolu 4

Ġestjoni tal-assoċjazzjoni

Il-ġestjoni tal-assoċjazzjoni għandha titmexxa mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet tal-PTEE u, fejn meħtieġ, mill-Istat Membru li l-PTEE jkollu rabta miegħu, skont il-kompetenzi istituzzjonali, legali u finanzjarji rispettivi.

Artikolu 5

Interessi reċiproki, kumplimentarjetà u prijoritajiet

1. L-assoċjazzjoni hija l-qafas għal djalogu politiku u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku.
2. Għandha tingħata prijorità lil kooperazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku, bħal:
 - (a) id-diversifikazzjoni ekonomika tal-ekonomija tal-PTEE, fosthom l-integrazzjoni ulterjuri tagħhom fl-ekonomija dinjija u dik reġjonali; fil-każ speċifiku ta' Greenland, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet fil-forza tax-xogħol tiegħu.
 - (b) il-promozzjoni tal-ekonomija ħadra u blu;
 - (c) il-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali, fosthom il-ħarsien u l-użu sostenibbli tal-biodiversità u ta' servizzi ta' ekosistema;
 - (d) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima;
 - (e) il-promozzjoni tat-tnaqqis tar-riksju ta' diżastri;
 - (f) il-promozzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni xjentifika;
 - (g) il-promozzjoni ta' skambji soċjali, kulturali u ekonomiċi bejn il-PTEE, il-ġirien tagħhom u sħab oħra;
 - (h) Kwistjonijiet relatati mal-Artiku.
3. Il-kooperazzjoni fl-oqsma ta' interess reċiproku għandha bħala l-għan tagħha l-promozzjoni tal-awtonomija tal-PTEE u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-PTEE li jifformulaw, jimplimentaw u jwettqu monitoraġġ tal-istrateġiji u l-politiki stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 6

Promozzjoni tal-assoċjazzjoni

1. Bil-għan tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, l-Unjoni u l-PTEE jagħmlu mill-aħjar biex jippromwovu l-assoċjazzjoni maċ-ċittadini tagħhom, partikolarment permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp tar-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, il-komunità akkademika, is-soċjetà ċivili u n-negozji tal-PTEE fuq naħa waħda, u mal-interlokuturi tagħhom fi ħdan l-Unjoni fuq in-naħa l-oħra.

2. Il-PTEE għandhom jagħmlu sforzi li jsaħħu u jippromwovu r-relazzjonijiet tagħhom mal-Unjoni inġenerali. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw dawn l-isforzi.

Artikolu 7

Kooperazzjoni reġjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni ma' sħab oħra

1. Suġġett għall-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni, l-assoċjazzjoni se tappoġġa lill-PTEE fl-isforzi tagħhom li jagħmlu parti minn inizjattivi ta' kooperazzjoni internazzjonali, reġjonali u/jew subreġjonali rilevanti kif ukoll proċessi ta' integrazzjoni reġjonali jew subreġjonali, f'konformità mal-aspirazzjonijiet tagħhom u skont l-oġettivi u l-prijoritajiet definiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-PTEE.
2. Għal dan il-għan, l-Unjoni u l-PTEE jistgħu jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattika jew jistabbilixxu kwalunkwe sura oħra ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib ma' sħab oħrajn fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tal-PTEE f'organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, fejn xieraq permezz ta' ftehimiet internazzjonali.
3. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-kooperazzjoni bejn il-PTEE u sħab oħrajn fl-oqsma tal-kooperazzjoni stabbilita fil-Partijiet II u III ta' din id-Deċiżjoni. F'dak ir-rigward, l-oġettiv tal-assoċjazzjoni hija l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi, imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, l-istati u territorji tal-AKP u mhux tal-AKP. Sabiex tikseb dan l-oġettiv, l-Unjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-programmi rilevanti tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tfittex li tassoċja l-PTEE fl-organi tagħhom ta' dialogu mal-pajjiżi ġirien tagħhom, sew jekk ikunu Stati u territorji tal-AKP kif ukoll dawk mhux tal-AKP, u mar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn xieraq.
4. L-appoġġ għall-parteċipazzjoni tal-PTEE f'organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali għandha tiffoka l-aktar fuq:
 - (a) il-bini ta' kapaċitajiet ta' diversi organizzazzjoniet u istituzzjonijiet reġjonali li l-PTEE huma membri tagħhom;
 - (b) inizjattivi reġjonali jew subreġjonali bħall-implimentazzjoni ta' politiki ta' riforma settorjali relatati ma' oqsma ta' kooperazzjoni identifikati fil-Partijiet II u III ta' din id-Deċiżjoni;
 - (c) is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien tal-PTEE fuq l-impatti ta' proċessi ta' integrazzjoni reġjonali fuq oqsma differenti;
 - (d) il-parteċipazzjoni tal-PTEE fl-iżvilupp ta' swieq reġjonali fi ħdan il-kuntest ta' organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali;
 - (e) l-investimenti transfruntiera bejn il-PTEE u l-ġirien tagħhom.

Artikolu 8

Parteċipazzjoni fir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali

Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1), (2) u (3) ta' din id-Deċiżjoni, l-inizjattivi ta' kooperazzjoni jew forum oħra ta' kooperazzjoni għandhom ifissru wkoll li l-awtoritajiet governattivi, l-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali, l-awtoritajiet lokali u, fejn xieraq, korpi jew istituzzjonijiet oħra pubbliċi u privati (inklużi l-fornituri tas-servizz pubbliku) minn PTEE jistgħu jipparteċipaw f'Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) soġġetti għar-regoli u l-oġettivi tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u dawk tar-Regolament (UE)

Nru 1302/2013⁴¹ u f'konformità mal-arranġamenti applikabbli għall-Istat Membru li jkollu rabtiet miegħu l-PTEE.

Artikolu 9

Trattament speċifiku

1. L-assoċjazzjoni għandha tikkunsidra d-diversità tal-PTEE f'termini ta' żvilupp ekonomiku u kapaċità li jibbenefikaw bis-sħiħ mill-kooperazzjoni reġjonali u l-integrazzjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 7.
2. Għandu jiġi stabbilit trattament speċifiku għal PTEE iżolati.
3. Sabiex isir possibbli li l-PTEE iżolati jegħlbu l-ostakli strutturali u tfixkil ieħor għall-iżvilupp tagħhom, dan it-trattament speċifiku għandu jikkunsidra d-diffikultajiet speċifiċi tagħhom, fost l-oħrajn, meta jiġi ddeterminat il-volum ta' assistenza finanzjarja u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu.
4. Il-PTEE li għandhom jitqiesu bħala iżolati huma St Pierre et Miquelon.

KAPITOLU 2

KOOPERAZZJONI

Artikolu 10

Approċċ Ġenerali

1. L-assoċjazzjoni għandha tissegjes fuq djalogu u konsultazzjoni wiesa' dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku bejn il-PTEE, l-Istati Membri li huma marbuta magħhom u l-Kummissjoni u, fejn xieraq, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).
2. Fejn xieraq, il-PTEE għandhom jorganizzaw djalgou u konsultazzjonijiet ma' awtoritajiet u korpi bħal:
 - (a) l-awtoritajiet kompetenti lokali u awtoritajiet pubbliċi oħra;
 - (b) l-isħab ekonomiċi u soċjali;
 - (c) kwalunkwe korp ieħor kompetenti li jirrappreżenta s-soċjetà ċivili, bħal, imsieħba ambjentali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, u korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Artikolu 11

Atturi ta' kooperazzjoni

1. Atturi ta' kooperazzjoni fil-PTEE għandhom jinkludu:
 - (a) l-awtoritajiet governattivi tal-PTEE;
 - (b) l-awtoritajiet lokali fil-PTEE;

⁴¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303.

- (c) is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal assoċjazzjonijiet soċjali, tal-impjegaturi u trade unions, u organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali, nazzjonali jew internazzjonali;
 - (d) organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali.
2. L-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet lokali u governattivi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1.

Artikolu 12

Responsabbiltajiet tal-atturi mhux governattivi

1. L-atturi mhux governattivi jista' jkollhom rwol fl-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni, b'mod partikolari għat-tnejn u l-implimentazzjoni ta' assistenza għal kooperazzjoni, proġetti u programmi. Huma jistgħu jirċievu deroga ta' setgħat ta' ġestjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi għall-fini li jingħata appoġġ għal inizjattivi ta' żvilupp lokali.
2. L-atturi mhux governattivi eliġibbli għal ġestjoni deċentralizzata ta' proġetti jew programmi għandhom jiġu identifikati permezz ta' ftehim bejn l-awtoritajiet tal-PTEE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri li l-PTEE għandu rabtiet magħhom, waqt li jitqies is-suġġett ikkonċernat, l-għarfien espert tagħhom u l-qasam tal-attività. Il-proċess ta' identifikazzjoni għandu jitmexxa f'kull PTEE bħala parti mid-djalogu u konsultazzjonijiet wiesgħa msemmija fl-Artikolu 10.
3. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-PTEE li jsaħħu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dwar il-ħolqien u l-iżvilupp tagħhom, u l-iżvilupp tal-arranġamenti meħtieġa biex l-involvement tagħhom jitħalla jsir fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' strateġiji u programmi ta' żvilupp.

KAPITOLU 3

QAFAS ISTITUZZJONALI TAL-ASSOĊJAZZJONI

Artikolu 13

Prinċipji ta' gwida għad-djalogu

1. L-Unjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li huma marbuta magħhom għandhom jimpenjaw ruħhom regolarment fi djalogu politiku komprensiv.
2. Id-djalogu għandu jitmexxa f'konformità sħiħa mas-setgħat istituzzjonali, legali u finanzjarji rispettivi tal-Unjoni, tal-PTEE u tal-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom. Id-djalogu għandu jiġi mmexxi 'l quddiem b'mod flessibbli. Jista' jkun formali jew informali, fl-ivell jew format xieraq u għandu jitmexxa fil-limiti tal-qafas imsemmi fl-Artikolu 14.
3. Id-djalogu għandu jippermetti lill-PTEE biex jieħdu sehem fl-implimentazzjoni tal-assoċjazzjoni.
4. Id-djalogu għandu jiffoka, fost l-oħrajn, fuq kwistjonijiet politiċi ta' interess reċiproku jew ta' sinifikat ġenerali għall-ksib tal-oġettivi tal-assoċjazzjoni.
5. Id-djalogu ma' Greenland għandu, b'mod partikolari, jipprovdi l-bażi għal kooperazzjoni u djalogu wesgħin f'oqsma li jikkonċernaw, fost oħrajn, l-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-

ambjent, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima u l-istokkijiet tal-ħut, it-trasport marittimu, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll id-dimensjoni tal-Artiku ta' daww il-kwistjonijiet.

Artikolu 14

Organi tal-assoċjazzjoni

1. L-assoċjazzjoni għandha tistabbilixxi l-organi ta' djalogu li ġejjin:
 - (a) il-forum għad-djalogu bejn il-PTEE u l-UE (il-“forum PTEE-UE”), għandu jiltaqa' kull sena biex ilaqqaq l-awtoritajiet tal-PTEE, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-membri tal-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti tal-BEI, u r-rappreżentanti tal-reġjuni ultraperiferiċi għandhom, fejn xieraq, ikunu assoċjati mal-Forum PTEE-UE;
 - (b) fuq bażi regolari, il-Kummissjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom għandu jkollhom konsultazzjonijiet trilaterali. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu organizzati tal-inqas tliet darbiet fis-sena fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba tal-PTEE u tal-Istat Membru li jkollu rabtiet miegħu;
 - (c) bi ftehim mal-PTEE, l-Istati Membri li l-PTEE jkollu rabtiet magħhom u l-Kummissjoni, għandhom jiġu stabbiliti gruppi ta' ħidma, li jaġixxu f'kapaċità ta' konsulenza, li jsegwu l-implimentazzjoni tal-assoċjazzjoni, f'sura li tixraq il-kwistjonijiet li jkunu ser jiġu indirizzati. Dawn il-gruppi ta' ħidma jistgħu jiltaqgħu fuq talba tal-Kummissjoni, ta' Stat Membru jew ta' PTEE. Huma għandhom jipprovdu diskussjonijiet tekniċi dwar kwistjonijiet li huma ta' interess speċifiku għall-PTEE u għall-Istati Membri li jkollhom rabtiet magħhom, b'mod li l-ħidma li qed ssir fil-Forum PTEE-UE u/jew f'konsultazzjonijiet trilaterali tiġi kkumplimentata.
2. Il-Kummissjoni għandha tippresedi l-Forum tal-PTEE, il-konsultazzjonijiet trilaterali u l-gruppi ta' ħidma u għandha tipprovdi s-segretarjat tagħhom.

PARTI II

OQSMA TA' KOOPERAZZJONI GĦAL ŻVILUPP SOSTENIBBLI FIL-QAFAS TAL-ASSOĊJAZZJONI

KAPITOLU 1

IL-KWISTJONIJIET AMBJENTALI, IT-TIBDIL FIL-KLIMA, L- OĊEANI U T-TNAQQIS TA' DIŻASTRI

Artikolu 15

Prinċipji ġenerali

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ambjent, it-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri tista' tikkonċerna:

- (a) appoġġ għall-isforzi tal-PTEE sabiex jiddefinixxu u jimplementaw politiki, strateġiji, pjani ta' azzjoni u miżuri;
- (b) appoġġ għall-isforzi tal-PTEE sabiex jintegraw f'netwerks u inizjattivi reġjonali;
- (c) il-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi u l-effiċjenza fl-użu tagħhom, u li jiġi mħeġġeġ id-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali; kif ukoll;
- (d) l-appoġġ għall-isforzi tal-PTEE biex jaġixxu bħala ċentri reġjonali jew ċentri ta' eċċellenza.

Artikolu 16

Immaniġġar sostenibbli u konservazzjoni tal-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġar sostenibbli u l-konservazzjoni tal-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi tista' tikkonċerna:

- (a) il-promozzjoni tal-istabbiliment u l-immaniġġar effettiv ta' żoni mħarsa fil-baħar u fl-art u mmaniġġar imtejjeb ta' oqsma li huma mħarsa bħalissa;
- (b) l-inkoraġġiment ta' mmaniġġar sostenibbli ta' riżorsi tal-baħar u tal-art, li jikkontribwixxu għall-ħarsien ta' speċi, ambjenti u funzjonijiet ta' ekosistemi 'l barra minn oqsma mħarsa, b'mod partikolari speċijiet fil-periklu, vulnerabbli u rari;
- (c) it-tiġid tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u ta' ekosistemi fil-baħar u fl-art permezz ta':
 - (i) l-indirizzar tal-isfida usa' tal-ekosistemi fir-rigward tat-tibdil fil-klima billi jitħarsu ekosistemi b'saħħithom u reżiljenti u t-trawwim ta' infrastruttura ħadra u blu u approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima li sikwit iġibu magħhom ħafna benefiċċji;
 - (ii) it-tiġid tal-kapaċitajiet fi skala lokali, reġjonali u/jew internazzjonali, permezz tal-promozzjoni ta' skambju ta' informazzjoni, għarfien u tal-aħjar prattiki fost il-partijiet ikkonċernati kollha fosthom l-awtoritajiet pubbliċi, sidien tal-art, is-settur privat, ir-riċerkaturi u s-soċjetà ċivili;

- (iii) it-tisħiħ ta' programmi tal-konservazzjoni tan-natura eżistenti u sforzi relatati kemm fl-oqsma ta' konservazzjoni kif ukoll 'il barra minnhom;
- (iv) it-twessiegħ tal-bażi tal-għarfien u mili tal-vojt fl-għarfien, fosthom fl-ikkwantifikar tal-valur ta' funzjonijiet u servizzi ekosistemiċi;
- (d) l-inkoraġġiment u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet bħal dik tal-ispeċi invażivi barranin jew tal-impatti tat-tibdil fil-klima;
- (e) l-iżvilupp ta' mekkaniżmi sabiex jinġiebu riżorsi fosthom pagamenti għal servizzi ekosistemiċi.

Artikolu 17

Immaniġġar sostenibbli tal-foresti

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġar sostenibbli tal-foresti tista' tikkonċerna l-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-immaniġġar sostenibbli ta' foresti, inkluż ir-rwol tagħhom fil-konservazzjoni tal-ambjent mill-erożjoni u l-kontroll tad-deżertifikazzjoni, l-afforestazzjoni u l-immaniġġar tal-esportazzjonijiet tal-injam.

Artikolu 18

Immaniġġar integrat taż-żona kostali

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġar taż-żoni kostali integrati jista' jikkonċerna:

- (a) l-appoġġ għall-isforzi tal-PTEE lejn l-ilħuq ta' mmaniġġar sostenibbli ta' żoni kostali u tal-baħar fid-definizzjoni ta' approċċi strateġiċi u integrati għall-ippjanar u l-immaniġġar ta' żoni kostali u tal-baħar;
- (b) it-tlaqqiġ ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjali bħas-sajd u l-akwakultura, it-turiżmu, it-trasporti marittimi u l-agrikoltura mal-potenzjal ta' żoni kostali u tal-baħar f'termini ta' enerġija rinnovabbli, materja prima, filwaqt li jitqiesu l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-attivitajiet tal-bniedem.

Artikolu 19

Oċeani

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-governanza tal-oċeani internazzjonali tista' tikkonċerna:
 - (a) it-tisħiħ tad-djalogu dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam;
 - (b) il-promozzjoni tal-għarfien dwar il-baħar u l-bijoteknoloġija, l-enerġija mill-oċeani, is-sorveljanza marittima, l-immaniġġar taż-żoni kostali u mmaniġġar imsejjes fuq l-ekosistemi;
 - (c) il-promozzjoni ta' approċċi integrati fil-livell internazzjonali.
 - (d) il-promozzjoni attiva tal-governanza tajba, l-aħjar prattiki u l-immaniġġar responsabbli tas-sajd fil-konservazzjoni u l-immaniġġar sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut, fosthom l-istokkijiet tal-ħut ta' interess komuni u dawk immaniġġati min organizzazzjonijiet reġjonali tal-immaniġġar tas-sajd;
 - (e) djalogu u kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fosthom miżuri fil-għieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux irregolat u kooperazzjoni effettiva mal-organizzazzjonijiet tal-immaniġġar tal-ħut u wkoll fi ħdanhom. Id-djalogu u l-kooperazzjoni

għandhom jinkludu skemi ta' kontroll u spezzjoni, inċentivi u obbligi għal immaniġġar aktar effettiv tas-sajd u l-ambjenti kostali fit-tul.

2. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, u waqt li jiġu żgurati l-konsistenza u l-kumplimentarjetà ma' Ftehimiet ta' Sħubija tas-Sajd eżistenti, il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (d) u (e) għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) impenn għal immaniġġar responsabbli tas-sajd u tal-prattiki tas-sajd;
 - (b) ma jitwettqux miżuri jew attivitajiet li jkunu inkonsistenti mal-prinċipji tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd;
 - (c) jiġu kkunsidrati ftehimiet ta' sħubija bilaterali eżistenti jew possibbli fil-futur dwar is-sajd bejn l-Unjoni u l-PTEE, l-Unjoni u l-PTEE għandhom ikollhom l-għan li jikkonsultaw b'mod regolari ma' xulxin dwar il-konservazzjoni u l-immaniġġar tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u li jiskambjaw informazzjoni dwar l-istat attwali tar-riżorsi fil-kuntest tal-organi rilevanti tal-assoċjazzjoni previsti fl-Artikolu 14.

Artikolu 20

Immaniġġar sostenibbli tal-ilma

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, l-Unjoni u l-PTEE jistgħu jikkooperaw fil-qasam tal-immaniġġar sostenibbli tal-ilma permezz ta' politika dwar l-ilma u bini ta' istituzzjonijiet, għall-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma, tal-provvisti tal-ilma f'żoni rurali u urbani għal skopijiet domestiċi, industrijali u agrikoli, għall-ħżin, id-distribuzzjoni u l-immaniġġar tar-riżorsi tal-ilma u l-immaniġġar tal-ilma tad-drenaġġ.
2. Fil-qasam tal-provvista tal-ilma u s-settur tas-sanità, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aċċess f'żoni li mhumiex moqdiya tajjeb fir-rigward tal-ilma għax-xorb u s-servizzi tas-sanità u dawk li huma partikolarment esposti għal diżastri naturali, li jikkontribwixxu direttament għall-iżvilupp ta' riżorsi umani permezz tat-titjib tal-istat tas-saħħa u taż-żieda fil-produttività.
3. Il-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma għandha tkun iggwidata mill-prinċipju li l-ħtieġa li għad hemm għall-estensjoni tal-provvista ta' servizzi bażiċi tal-ilma u tas-sanità lil popolazzjonijiet urbani u rurali għandha tiġi indirizzata f'modi sostenibbli mil-lat ambjentali.

Artikolu 21

Il-ġestjoni tal-iskart

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġar tal-iskart tista' tikkonċerna l-promozzjoni tal-użu tal-aħjar Prattika ambjentali fl-operazzjonijiet kollha relatati mal-immaniġġar tal-iskart, inkluż it-tnaqqis tal-iskart, ir-riċiklaġġ jew proċessi oħra ta' rkupru, pereżempju l-irkupru tal-enerġija u r-rimi tal-iskart.

Artikolu 22

Enerġija

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija sostenibbli tista' tikkonċerna:

- (a) il-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli, id-distribuzzjoni u l-aċċess, b'mod partikolari, l-iżvilupp, il-promozzjoni, l-użu u l-ħżin tal-enerġija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
- (b) politiki u regolamenti dwar l-enerġija, partikolarment it-tfassil ta' politiki u l-adozzjoni ta' regolamenti li jggarantixxu tariffi tal-enerġija bi prezzijiet raġonevoli u sostenibbli;

- (c) l-użu effiċjenti tal-enerġija, partikolarment l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' standards tal-enerġija effiċjenti u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika f' setturi differenti (industrijali, kummerċjali, pubbliċi u domestiċi), kif ukoll attivitajiet edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni magħhom;
- (d) it-trasport, partikolarment l-iżvilupp, il-promozzjoni u l-użu ta' mezzi tat-trasport aktar pubbliċi u privati li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħal vetturi ibridi, elettriċi jew bl-idroġenu, skemi ta' ċar-pooling u ta' użu ta' roti;
- (e) l-ippjanar u l-bini ta' bliet, partikolarment il-promozzjoni u l-introduzzjoni ta' standards għolja fir-rigward tal-kwalità tal-ambjent u rendiment għoli fl-użu tal-enerġija fl-ippjanar urban u l-bini; kif ukoll;
- (f) it-turiżmu, partikolarment il-promozzjoni ta' infrastrutturi enerġetiċi awtosuffiċjenti (imsejsa fuq l-enerġija rinnovabbli) u/jew infrastrutturi turistiċi ekoloġiċi.

Artikolu 23

Il-materja prima

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-materja prima, inklużi elementi terrestri rari tista' tikkonċerna l-promozzjoni ta' materja prima għas-settur li huwa sostenibbli fir-rigward tal-operazzjonijiet kollha relatati mat-tħaffir tal-minjieri, u timmira għal:

- (a) effiċjenza fir-riżorsi;
- (b) il-promozzjoni ta' riċiklaġġ;
- (c) l-iżvilupp u t-tiġid tal-ħarsien ambjentali;
- (d) l-immaniġġar u l-isfruttamenti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;
- (e) it-tiġid tal-kapaċitajiet, it-taħriġ, l-innovazzjoni, miżuri għar-riċerka u n-negozju għall-isfruttament u l-estrazzjoni ta' materja prima fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

Artikolu 24

It-tibdil fil-klima

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-tibdil fil-klima għandu jkollha l-għan li tappoġġa l-inizjattivi tal-PTEE li jikkonċernaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u tista' tkopri:

- (a) l-iżvilupp ta' evidenza; l-identifikazzjoni ta' riskji ewlenin u azzjonijiet, pjanijiet, jew miżuri territorjali, reġjonali u/jew internazzjonali bil-għan tal-adattament għat-tibdil fil-klima jew il-mitigazzjoni tal-effetti negattivi tiegħu;
- (b) tikkontribwixxi għall-isforzi tal-pajjiżi sħab biex iwettqu l-impenji tagħhom dwar il-bidla fil-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima
- (c) l-integrazzjoni tal-adattament tat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tagħha fil-politiki u l-istrateġiji pubbliċi;
- (d) l-elaborazzjoni u l-identifikazzjoni ta' dejta u indikaturi statistiċi, għodod essenzjali għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika; kif ukoll;
- (e) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-PTEE fi djalogu reġjonali u internazzjonali sabiex titrawwem il-kooperazzjoni, inkluż l-iskambju ta' għarfien u esperjenza.

Artikolu 25

Tnaqqis tar-riskju ta' diżastri

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri tista' tikkonċerna:

- (a) l-iżvilupp jew l-ipperfezzjonar ta' sistemi, inklużi infrastrutturi, għall-prevenzjoni ta' diżastri, u għat-tħejjija għalihom, fosthom it-tbassir u s-sistemi ta' twissija bikrija, bil-għan li jitnaqqsu l-konsegwenzi tad-diżastri;
- (b) l-iżvilupp ta' għarfien dettaljat tal-esponiment għad-diżastri u tal-kapaċitajiet ta' rispons attwali fil-PTEE u fir-reġjuni fejn iseħħu;
- (c) it-tiżiħ ta' miżuri eżistenti ta' prevenzjoni u tħejjija għal diżastri fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali;
- (d) it-titjib tal-kapaċitajiet ta' rispons tal-atturi kkonċernati, sabiex isiru aktar koordinati, effettivi u effiċjenti;
- (e) it-titjib tas-sensibilizzazzjoni u informazzjoni lill-popolazzjoni dwar l-esponiment għal riskji, prevenzjoni, tħejjija u rispons fl-eventwalità ta' diżastri, bl-attenzjoni xierqa għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni b'diżabbiltà;
- (f) it-tiżiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-atturi ewlenin involuti fil-protezzjoni ċivili; kif ukoll;
- (g) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-PTEE f'organi reġjonali, Ewropej u/jew internazzjonali sabiex ikun jista' jsir skambju aktar regolari ta' informazzjoni u kooperazzjoni aktar mill-qrib fost is-sħab differenti fl-eventwalità ta' diżastru.

KAPITOLU 2

L-AĊĊESSIBILTÀ

Artikolu 26

L-objettivi ġenerali

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-aċċessibiltà għandu jkollha l-għan li:
 - (a) tiżgura aċċess akbar għall-PTEE għal netwerks globali tat-trasport; kif ukoll;
 - (b) tiżgura aċċess akbar għall-PTEE għal teknoloġiji u servizzi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.
2. Il-kooperazzjoni fil-kuntest imsemmi fil-paragrafu 1 tista' tinkludi:
 - (a) il-politika u l-bini ta' istituzzjonijiet;
 - (b) it-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar jew b'passaġġi fuq l-ilma interni; kif ukoll;
 - (c) il-faċilitajiet ta' ħżin f'portijiet u ajruporti.

Artikolu 27

It-trasport marittimu

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-trasport marittimu għandu jkollha l-għan li tiżviluppa u tippromwovi servizzi ta' trasport marittimu aktar kosteffiċjenti u effiċjenti fil-PTEE, u tista' tikkonċerna:
 - (a) il-promozzjoni ta' trasport bil-baħar effiċjenti ta' merkanzija b'rati ekonomikament u kummerċjalment vijabbli;
 - (b) l-iffaċilitar ta' parteċipazzjoni akbar min-naħa tal-PTEE f'servizzi internazzjonali ta' trasport bil-baħar;
 - (c) l-inkoraġġiment ta' programmi reġjonali;
 - (d) l-appoġġ tal-involvement tas-settur privat lokali fl-attivitajiet tat-trasport bil-baħar; kif ukoll;
 - (e) l-iżvilupp tal-infrastruttura.
2. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jippromwovu s-sikurezza tat-trasport bil-baħar, is-sigurtà ta' ekwipaġġi u l-prevenzjoni tat-tniġġis.
3. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jippromwovu s-sikurezza u s-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kondizzjonijiet ta' għejxien u ħidma abbord f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti u qafas leġislativ tal-UE.

Artikolu 28

Trasport bl-ajru

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru tista' tikkonċerna:

- (a) ir-riforma u l-immodernizzar tal-industrija tal-ajru tal-PTEE;
- (b) il-promozzjoni tal-vijabbiltà u l-kompetittività kummerċjali tal-industrija tat-trasport bl-ajru tal-PTEE;
- (c) l-iffaċilitar tal-investment u l-parteeipazzjoni tas-settur privat; kif ukoll;
- (d) il-promozzjoni tal-iskambju ta' għarfien u prattiki kummerċjali tajba.

Artikolu 29

Is-sigurtà u s-sikurezza tat-trasport bl-ajru

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fl-oqmsa tas-sigurtà u s-sikurezza tat-trasport bl-ajru għandu jkollha l-għan li tappoġġa lill-PTEE fl-isforzi tagħhom li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti tal-UE u, fost l-oħrajn, tista' tkopri:

- (a) l-implimentazzjoni tas-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-UE, u ta' standards internazzjonali fejn rilevanti;
- (b) l-implimentazzjoni ta' sigurtà fl-ajruport u tisħiħ fil-kapaċità tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili biex jimmaniġġaw l-aspetti kolla ta' sigurtà operazzjonali mqiegħda taħt il-kontroll tagħhom; kif ukoll;
- (c) l-iżvilupp ta' infrastrutturi u riżorsi umani.

Artikolu 30

Servizzi ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għandu jkollha l-għan li tħeġġeġ l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u titjib fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u n-negozji tal-PTEE, fosthom il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-kapaċità regolatorja tal-PTEE u tista' tappoġġa l-espansjoni ta' networks u servizzi tal-ICT permezz tal-miżuri li ġejjin:

- (a) il-ħolqien ta' ambjent regolatorju prevedibbli li jżomm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi, jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni u jrawwem il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur;
- (b) id-djalogu dwar id-diversi aspetti ta' politika rigward il-promozzjoni u l-monitoraġġ tas-soċjetà tal-informazzjoni;
- (c) l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà;
- (d) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka tal-ICT u fil-qasam tal-infrastrutturi tar-riċerka bbażati fuq l-ICT;
- (e) l-iżvilupp ta' servizzi u applikazzjonijiet fl-oqsma b'impatt kbir fuq is-soċjetà.

KAPITOLU 3

RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Artikolu 31

Kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni tista' tkopri x-xjenza, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, ir-reżistenza għad-diżastri, ir-riżorsi naturali, inklużi l-materja prima, u l-użu sostenibbli ta' riżorsi haġġin.

Tista' tkopri wkoll it-teknoloġija, fosthom it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE u għall-promozzjoni tar-rwol tal-PTEE bħala ċentri reġjonali u ċentri ta' eċċellenza kif ukoll tal-kompetittività industrijali tagħhom. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni tista' tikkonċerna:

- (a) id-djalogu, il-kooperazzjoni u l-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-politiki u l-inizjattivi tal-PTEE u l-Unjoni dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni;
- (b) il-bini ta' politika u istituzzjonijiet fil-PTEE u azzjonijiet komuni fil-livell lokali, nazzjonali jew reġjonali, bil-għan li jiġu żviluppati x-xjenza, it-teknoloġija u l-attivitajiet innovazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom;
- (c) il-kooperazzjoni bejn entitajiet legali mill-PTEE, l-Unjoni, l-Istati Membri u pajjiżi terzi;
- (d) il-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi individwali, korpi tar-riċerka u entitajiet legali tal-PTEE fil-Programmi Qafas Ewropej għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u medji (COSME), u wkoll billi jorbtuhom ma' attivitajiet diġà appoġġati ta' dawn il-programmi bil-għan li tiġi żgurata l-kumplimentarjetà tal-attivitajiet; kif ukoll;
- (e) it-taħriġ u l-mobbiltà internazzjonali ta' riċerkaturi tal-PTEE u skambji.

KAPITOLU 4

ŻGĦAŻAGĦ, EDUKAZZJONI, TAĦRIĠ, SAĦĦA, IMPJIEGI, SIGURTA SOĊJALI, IS-SIKUREZZA TAL-IKEL U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

Artikolu 32

Żgħażagħ

1. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 50, ikunu jistgħu jipparteċipaw f'inizjattivi tal-Unjoni li jikkonċernaw iż-żgħażagħ fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.
2. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn iż-żgħażagħ li jgħixu fil-PTEE u fl-Unjoni, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim għaż-żgħażagħ tal-PTEE u bit-trawwim tal-komprensjoni reċiproka bejn iż-żgħażagħ.

Artikolu 33

L-edukazzjoni u t-taħriġ

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ tista' tikkonċerna:
 - (a) l-għoti ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja fil-livell primarju, sekondarju u tal-edukazzjoni terzjarja u fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; kif ukoll
 - (b) l-appoġġ lill-PTEE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali.
2. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 50, ikunu jistgħu jipparteċipaw f'inizjattivi tal-Unjoni li jikkonċernaw l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.
3. L-Unjoni għandha tiżgura li l-korpi u l-istituti tal-edukazzjoni mill-PTEE jkunu jistgħu jieħdu sehem f'inizjattivi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni relatati mal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali abbażi tal-istess korpi u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-Istati Membri.

Artikolu 34

Impjiegi u politika soċjali

1. L-Unjoni u l-PTEE għandu jkollhom djalogu fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti fil-PTEE u fir-reġjuni fejn jinsabu. Dan id-djalogu għandu jkollu l-għan ukoll li jappoġġa l-isforzi tal-awtoritajiet tal-PTEE għall-iżvilupp ta' politiki u leġiżlazzjoni f'dan il-qasam.
2. Fil-parti l-kbira tiegħu dan id-djalogu għandu jikkonsisti minn informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-politiki u l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali li jkunu fl-interess reċiproku tal-Unjoni u tal-PTEE. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati oqsma bħall-iżvilupp tal-ħiliet, il-ħarsien soċjali, id-djalogu soċjali, l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u standards tax-xogħol.

Artikolu 35

Is-saħħa pubblika, is-sigurtà tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika u s-sikurezza alimentari għandha timmira, *inter alia*, biex tnaqqas il-mard li ma jittieħidx u b'mod partikolari, tiżviluppa, ssaħħaħ u żżomm il-kapaċità tal-PTEE għal sorveljanza epidemoloġika, monitoraġġ, twissija bikrija, valutazzjoni tar-riskju u rispons għal theddid serju transfruntier permezz ta' miżuri li jinkludu:

- (a) azzjonijiet li jsaħħu t-tnejn u l-ippjanar tar-rispons kontra emerġenzi tas-saħħa bħal epidemiji ta' mard li jittieħed, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa, jiżguraw l-interoperabbiltà bejn is-settur tas-saħħa u setturi oħrajn, u l-provvista kontinwa ta' servizzi u prodotti kritiċi;
- (b) bini ta' kapaċità permezz tat-tisħiħ ta' networks ta' saħħa pubblika fil-livell reġjonali, il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fost esperti u l-promozzjoni ta' taħriġ xieraq, inkluż fil-qasam tas-sikurezza alimentari;
- (c) l-iżvilupp ta' għodod u pjattaformi tal-komunikazzjoni, inklużi sistemi ta' twissija bikrija, kif ukoll programmi ta' taħlim elettroniku adattati għall-ħtiġijiet partikolari tal-PTEE;
- (d) azzjonijiet għall-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' tifqigħat relatati mal-ikel u indirizzar tas-sikurezza alimentari u l-kwistjonijiet ta' sikurezza alimentari;
- (e) azzjonijiet biex jitnaqqas il-piż tal-mard li ma jittieħidx fil-qafas tal-ilħuq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli.

KAPITOLU 5

KULTURA U TURIŻMU

Artikolu 36

Skambji kulturali u djalogu

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-iskambji kulturali u d-djalogu tista' tikkonċerna:
 - (a) l-iżvilupp indipendenti tal-PTEE, billi dan huwa proċess imsejjes fuq il-persuni nfushom u b'għeruq fil-kultura ta' kull poplu;
 - (b) l-appoġġ għall-politiki u l-miżuri adottati mill-awtoritajiet kompetenti tal-PTEE biex jittejjbu r-riżorsi umani, jiżiedu l-kapaċitajiet kreattivi tagħhom stess u jiġu promossi l-identitajiet kulturali tagħhom;
 - (c) il-parteċipazzjoni tal-popolazzjoni fil-proċess tal-iżvilupp;
 - (d) l-iżvilupp ta' għarfien komuni u skambju ta' informazzjoni mtejjeb fir-rigward ta' kwistjonijiet kulturali u awdjoviżivi permezz tad-djalogu.
2. Permezz tal-kooperazzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-PTEE għandhom jippruvaw jistimulaw l-iskambju kulturali bejniethom permezz ta':
 - (a) kooperazzjoni bejn is-setturi kulturali u kreattivi tas-sħab kollha;
 - (b) il-promozzjoni ta' ċirkulazzjoni ta' xogħlijiet kulturali u kreattivi u operaturi bejniethom;
 - (c) il-kooperazzjoni fl-ambitu tal-kooperazzjoni għat-trawwim tal-iżvilupp, l-innovazzjoni, il-bini ta' udjenza u mudelli kummerċjali ġodda.

Artikolu 37

Il-kooperazzjoni awdjo-viżiva

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv għandha l-għan li tippromwovi l-produzzjonijiet awdjoviżivi ta' xulxin u tista' tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-kooperazzjoni u l-iskambju bejn l-industrija tax-xandir rispettivi;
 - (b) inkoraġġiment tal-iskambju ta' xogħlijiet awdjoviżivi;
 - (c) l-iskambju ta' informazzjoni u fehmiet dwar il-politika awdjoviżiva u tax-xandir u qafas regolatorju bejn l-awtoritajiet kompetenti;
 - (d) l-inkoraġġiment ta' żjajjar u parteċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali li jsiru fit-territorju tagħhom kif ukoll f'pajjiżi terzi.
2. Xogħlijiet awdjoviżivi koprodotti għandhom ikunu intitolati li jibbenefikaw minn kwalunkwe skema dwar il-promozzjoni ta' kontenut kulturali lokali jew reġjonali stabbilit fl-Unjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li jkollhom rabtiet magħhom.

Artikolu 38

Arti tal-ispettaklu

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-arti tal-ispettaklu tista' tikkonċerna:

- (a) il-faċilitazzjoni ta' aktar kuntatti bejn il-prattikanti ta' arti tal-ispettaklu f'oqsma bħall-iskambji professjonali u taħriġ fosthom il-parteċipazzjoni f'udjenzi bi prova, l-iżvilupp ta' netwerks u l-promozzjoni tan-netwerking;
- (b) l-inkoraġġiment ta' produzzjonijiet konġunti bejn produttori ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-Unjoni u PTEE wieħed jew aktar; kif ukoll
- (c) l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' standards internazzjonali tat-teknoloġija teatrali u l-użu ta' sinjali tal-palk teatrali, fosthom permezz ta' korpi xierqa tal-istandardizzazzjoni.

Artikolu 39

Protezzjoni ta' wirt kulturali u monumenti storiċi

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam ta' wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli u monumenti storiċi għandha l-għan li tippromwovi skambji ta' għarfien espert u tal-aħjar prattiki permezz ta':

- (a) il-faċilitazzjoni ta' skambji ta' esperti;
- (b) il-kollaborazzjoni dwar taħriġ professjonali;
- (c) is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku lokali; kif ukoll
- (d) l-għoti ta' pariri u l-ħarsien ta' monumenti storiċi u spazji protetti u dwar il-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-wirt, b'mod partikolari l-integrazzjoni tiegħu fil-ħajja lokali.

Artikolu 40

It-turiżmu

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu tista' tinkludi:

- (a) miżuri bil-għan li jiġu definiti, adattati u żviluppati politiki sostenibbli dwar it-turiżmu;
- (b) miżuri u operazzjoni għall-iżvilupp u l-appoġġ ta' turiżmu sostenibbli;

- (c) miżuri bil-għan li t-turiżmu sostenibbli jiġi integrat fil-ħajja soċjali, kulturali u ekonomika ta' ċittadini tal-PTEE.

KAPITOLU 6

IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA

Artikolu 41

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar ta' bnedmin, abbuż sesswali mit-tfal u l-isfruttament sesswali, it-terroriżmu u l-korruzzjoni

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-kriminalità organizzata tista' tikkonċerna:
 - (a) l-iżvilupp ta' mezzi innovattivi u effettivi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, fosthom kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħrajn bħas-soċjetà ċivili, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar ta' bnedmin, l-abbuż sesswali mit-tfal u l-isfruttament sesswali, it-terroriżmu u l-korruzzjoni; kif ukoll
 - (b) l-appoġġ sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-politiki tal-PTEE għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż sesswali mit-tfal u l-isfruttament sesswali, it-terroriżmu u l-korruzzjoni, kif ukoll il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-traffikar ta' kwalunkwe tip ta' droga narkotika u sustanza psikotropika, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-użu tad-drogi u danni relatati mad-drogi, b'kunsiderazzjoni tax-xogħol li twettaq f'dawn l-oqsma minn korpi internazzjonali, fost l-oħrajn permezz:
 - (i) ta' taħriġ u bini ta' kapaċità fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, fosthom it-traffikar ta' bnedmin, l-abbuż sesswali mit-tfal u l-isfruttament sesswali, it-terroriżmu u l-korruzzjoni;
 - (ii) il-prevenzjoni inkluż it-taħriġ, l-edukazzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, it-trattament u r-riabilitazzjoni ta' min hu dipendenti fuq id-droga, fosthom proġetti għar-riintegrazzjoni ta' min huwa dipendenti fuq id-droga fl-ambjenti soċjali u tax-xogħol;
 - (iii) l-iżvilupp ta' miżuri effettivi ta' nfużar;
 - (iv) assistenza teknika, finanzjarja u amministrattiva dwar l-iżvilupp ta' politiki u leġislazzjoni effettivi dwar it-traffikar ta' bnedmin, partikolarment kampanji ta' sensibilizzazzjoni, mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u sistemi ta' ħarsien tal-vittmi, bl-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u s-soċjetà ċivili;
 - (v) assistenza teknika, finanzjarja u amministrattiva relatata mal-prevenzjoni, it-trattament u t-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-abbuż mid-droga;
 - (vi) assistenza teknika għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' leġislazzjoni u ta' politika kontra l-abbuż sesswali mit-tfal u l-isfruttament sesswali; kif ukoll
 - (vii) assistenza teknika u taħriġ għall-appoġġ tal-bini ta' kapaċità u l-inkoraġġiment tal-konformità ma' standards internazzjonali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni speċjalment ta' dawk stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni.
2. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-PTEE għandhom jikkooperaw mal-Unjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu skont l-Artikolu 70.

PARTI III

KUMMERĊ U KOOPERAZZJONI RELATATA MAL-KUMMERĊ

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 42

Objettivi speċifiċi

L-objettivi ġenerali tal-kooperazzjoni rigward il-kummerċ u rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE huma:

- (a) il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE billi jinħolqu relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejnhom u l-Unjoni fit-totalità tagħha;
- (b) jingħata stimolu favur l-integrazzjoni effettiva tal-PTEE fl-ekonomiji reġjonali u dinjin u favur l-iżvilupp tal-kummerċ tal-merkanzija u tas-servizzi;
- (c) jingħata appoġġ lill-PTEE fil-ħolqien ta' klima li tiffavorixxi l-investment biex b'hekk jiġi sostnut l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE;
- (d) il-promozzjoni tal-istabbiltà, l-integrità u t-trasparenza tas-sistema finanzjarja globali, u l-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa;
- (e) jingħata appoġġ lill-proċess tad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tal-PTEE;
- (f) jingħata appoġġ lill-kapaċitajiet tal-PTEE biex jifformulaw u jimplimentaw il-politiki meħtieġa għall-iżvilupp tal-kummerċ tagħhom tal-merkanzija u tas-servizzi;
- (g) jingħata appoġġ lill-kapaċitajiet tal-PTEE fil-qasam tal-esportazzjoni u tal-kummerċ;
- (h) jingħata appoġġ għall-isforzi tal-PTEE sabiex jallinjaw jew jikkonverġu l-leġiżlazzjoni lokali tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fejn dan ikun rilevanti;
- (i) l-għoti ta' possibbiltajiet għal kooperazzjoni u djalogu mal-Unjoni dwar oqsma kummerċjali u dawk relatati mal-kummerċ.

TITOLU II

ARRANĠAMENTI GĦAL KUMMERĊ FI PRODOTTI U SERVIZZI U L-ISTABILIMENT

KAPITOLU 1

ARRANĠAMENTI GĦAL KUMMERĊ FIL-PRODOTTI

Artikolu 43

Aċċess liberu għal prodotti oriġinanti

1. Il-prodotti li joriġinaw mill-PTEE għandhom jiġu importati fl-Unjoni mingħajr dazju ta' importazzjoni.

2. Id-definizzjoni ta' prodotti oriġinanti u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva li għandhom x'jaqsmu ma' dan huma preskritti fl-Anness II.

Artikolu 44

Restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri li jkollhom effett ekwivalenti

1. Fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti oriġinanti fil-PTEE, l-Unjoni ma għandha tapplika l-ebda restrizzjoni jew miżura kwantitattiva li jkollha effett ekwivalenti.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux jipprekludi projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ġustifikati fuq importazzjonijiet, esportazzjonijiet jew prodotti fi tranżitu għal raġunijiet ta' moralità pubblika jew politika pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali li jippossjedu valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, il-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jinħlew jew il-protezzjoni ta' proprjetajiet industrijali u kummerċjali.
3. Il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu ma għandhom fl-ebda każ jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrara jew mhux ġustifikabbli jew restrizzjoni travestita fil-kummerċ.

Artikolu 45

Miżuri adottati mill-PTEE

1. L-awtoritajiet tal-PTEE jistgħu jżommu jew jintroduċu, fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' prodotti oriġinanti mill-Unjoni, id-dazji doganali u r-restrizzjonijiet kwantitattivi li jqisu bħala xierqa fid-dwal tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp rispettivi tagħhom.
2. Għall-oqsma koperti minn dan il-Kapitolu, il-PTEE għandhom jagħtu lill-Unjoni trattament favorevoli daqs l-aktar trattament favorevoli applikabbli għal kwalunkwe ekonomija maġġuri ta' kummerċ kif definita fil-paragrafu 4.
3. Il-paragrafu 2 ma għandux jipprekludi lil PTEE milli jagħti trattament aktar favorevoli lil ċerti PTEE oħrajn jew pajjiżi oħrajn fil-fażi tal-iżvilupp minn dak li jagħti lill-Unjoni.
4. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, "ekonomija kummerċjali maġġuri" tfisser kwalunkwe pajjiż żviluppat, jew kwalunkwe pajjiż li jammonta għal sehem ta' aktar minn wieħed fil-mija mill-esportazzjonijiet ta' merkanzija dinjija, jew, bla ħsara għall-paragrafu 3, kwalunkwe grupp ta' pajjiżi li jaġixxu individwalment, flimkien jew permezz ta' ftehim ta' integrazzjoni ekonomika li flimkien ikunu jammontaw għal 1,5 % tal-esportazzjonijiet ta' merkanzija dinjija. Għal dan il-kalkolu, għandha tintuża l-aħħar dejta uffiċjali disponibbli mid-WTO dwar l-esportaturi ewlenin fil-kummerċ dinji tal-merkanzija (eskluż il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni).
5. L-awtoritajiet tal-PTEE għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, it-tariffi doganali u l-listi ta' restrizzjonijiet kwantitattivi li japplikaw f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. L-awtoritajiet tal-PTEE għandhom jikkomunikaw ukoll lill-Kummissjoni kull emenda sussegwenti għal dawn il-miżuri kif u meta jkunu adottati.

Artikolu 46

In-nondiskriminazzjoni

1. L-Unjoni ma għandhiex tiddiskrimina bejn il-PTEE u l-PTEE ma għandhomx jiddiskriminaw bejn l-Istati Membri.

2. F'konformità mal-Artikolu 64, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-Deċiżjoni u b'mod partikolari l-Artikoli 44(2), l-Artikoli 45 u 48, 49, 51 u l-Artikolu 58(3) tiegħu ma għandhomx jittqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni.

Artikolu 47

Kundizzjonijiet għal movimenti ta' skart

1. Il-movimenti ta' skart bejn l-Istati Membri u l-PTEE għandhom jiġi kkontrollati f'konformità mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari mal-Konvenzjoni ta' Basilea⁴², u tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tappoġġa l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni internazzjonali effettiva f'dan il-qasam bil-ħsieb li tħares l-ambjent u s-saħħa pubblika.
2. Rigward dawk il-PTEE, li, minħabba l-istatus kostituzzjonali tagħhom, mhumiex Parti mill-Konvenzjoni ta' Basilea, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom għandhom iħaffu l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali interna u r-regolamenti amministrattivi li jimplementaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Basel f'dawk il-PTEE.
3. L-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom għandhom jippromwovu l-adozzjoni mill-PTEE tal-leġiżlazzjoni nazzjonali interna u r-regolamenti amministrattivi biex jimplementaw il-liġi tal-Unjoni rilevanti dwar l-iskart u vjaġġi ta' skart.
4. PTEE u l-Istat Membru li jkollhom rabtiet miegħu jistgħu japplikaw il-proċeduri tagħhom stess fir-rigward tal-esportazzjoni tal-iskart mill-PTEE lejn dak l-Istat Membru. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru li jkollu rabtiet mal-PTEE għandu jāvża lill-Kummissjoni bil-leġiżlazzjoni applikabbli kif ukoll kwalunkwe emenda li ssir fuq din il-leġiżlazzjoni.

Artikolu 48

Irtirar temporanju tal-preferenzi

Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm biżżejjed raġunijiet biex tiddubita jekk din id-Deċiżjoni hijiex qed tiġi implimentata b'mod korrett, il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mal-PTEE u l-Istat Membru li miegħu l-PTEE għandu relazzjonijiet speċjali, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni. F'każ li l-konsultazzjonijiet ma jwaxslux għal mod aċċettabbli u reċiproku ta' implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Unjoni tista', fuq bażi temporanja, tirtira xi preferenzi minn PTEE f'konformità mal-Anness III.

Artikolu 49

Miżuri ta' salvagwardja u sorveljanza

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' din id-Deċiżjoni, l-Unjoni tista' tiegħu miżuri ta' salvagwardja u sorveljanza stabbiliti fl-Anness IV.

⁴² Il-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll ta' Movimenti Bejn il-Fruntieri ta' l-Iskart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, iffirmat fit-22 ta' Marzu 1989.

KAPITOLU 2

ARRANĠAMENTI GĦAL KUMMERĊ F'SERVIZZI U GĦALL-ISTABILIMENT

Artikolu 50 **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

- (a) 'persuna fiżika minn PTEE' hija persuna fiżika li normalment tkun residenti f'PTEE li hija persuna bin-nazzjonalità ta' Stat Membru jew li tgawdi minn status legali speċifiku għal PTEE. Din id-definizzjoni hija bla ħsara għad-drittijiet mogħtija miċ-ċittadinanza tal-Unjoni fit-tifsira tat-TFUE;
- (b) 'persuna ġuridika minn PTEE' hija persuna ġuridika minn PTEE stabbilita skont il-liġijiet applikabbli f'PTEE partikolari, u li jkollha uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali, jew il-post prinċipali tan-negozju fit-territorju ta' dan il-PTEE. Jekk il-persuna ġuridika jkollha biss uffiċċju rreġistrat jew amministrazzjoni ċentrali fil-PTEE, hija ma għandhiex titqies bħala persuna ġuridika tal-PTEE, sakemm ma tkunx timpenja ruħha f'attività li jkollha rabta reali u kontinwa mal-ekonomija ta' dak il-pajjiż jew territorju;
- (c) id-definizzjonijiet rispettivi stabbiliti fil-ftehimiet dwar integrazzjoni ekonomika msemmija fl-Artikolu 51(1) għandhom japplikaw għat-trattament li jingħata bejn l-Unjoni u l-PTEE.

Artikolu 51 **Trattament l-aktar favorevoli**

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li tolqot il-kummerċ fis-servizzi u l-istabiliment ta' attivitajiet ekonomiċi:
 - (a) l-Unjoni għandha tagħti lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-PTEE trattament li ma jkunx anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli applikabbli għal persuni fiżiċi u ġuridiċi simili ta' kwalunkwe pajjiż terz li miegħu l-Unjoni tikkonkludi jew tkun ikkonkludiet ftehim ta' integrazzjoni ekonomika;
 - (b) PTEE għandu jagħti lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-Unjoni trattament li ma jkunx anqas favorevoli mill-aktar trattament favorevoli applikabbli għal persuni fiżiċi u ġuridiċi simili ta' kwalunkwe ekonomija kummerċjali maġġuri li magħha jkun ikkonkluda ftehim ta' integrazzjoni ekonomika wara l-1 ta' Jannar 2014.
2. L-obbligi previsti fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal trattament mogħti:
 - (a) fil-qafas ta' suq intern jew ftehim ta' integrazzjoni ekonomika li jirrekjedi li l-partijiet li jipparteċipaw fih japprossimaw il-leġislazzjoni tagħhom bil-għan li jneħħu ostakli mhux diskriminatorji għall-istabiliment u għal kummerċ ta' servizzi;
 - (b) taħt miżuri li jipprovdu għar-rikonossiment ta' kwalifiki jew ta' liċenzji. Dan bla ħsara għal miżuri speċifiċi tal-PTEE skont dan l-Artikolu;
 - (c) taħt kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali li jirrigwarda kompletament jew prinċipalment it-tassazzjoni;
 - (d) taħt miżuri li jibbenefikaw mill-kopertura ta' eżenzjoni ta' nazzjonijiet l-aktar iffavoriti elenkati skont l-Artikolu II.2 tal-GATS.

3. L-ebda ħaġa f'din id-Deċiżjoni m'għandha twaqqaf jew l-Unjoni jew il-PTEE milli jadottaw jew iżommu miżuri għal raġunijiet prudenzjali, inkluż:
 - (a) għall-protezzjoni ta' investituri, ta' depożitanti, ta' detenturi ta' poloz jew ta' persuni li lihom ikun dovut obbligu fiduċjarju minn fornitur ta' servizzi finanzjarji; jew
 - (b) l-iżgurar tal-integrità u tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' Parti.
4. L-awtoritajiet ta' PTEE jistgħu, bil-ħsieb li jippromwovu jew jappoġġaw impjeg lokali, jadottaw regolamenti sabiex jgħinu lill-persuni fiżiċi u lill-attivitajiet lokali tagħhom. F'dan il-każ, l-awtoritajiet tal-PTEE għandhom javżaw lill-Kummissjoni bir-regolamenti li jadottaw sabiex hi tkun tista' tgħarraf lill-Istati Membri b'dan.

TITOLU III

OQSMA RELATATI MAL-KUMMERĊ

KAPITOLU 1

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

Artikolu 52

Approċċ ġenerali

Il-kooperazzjoni rigward il-kummerċ u rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ skont l-assoċjazzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu. F'dan il-kuntest, il-liġijiet u r-regolament domestiċi ambjentali jew tal-impjiegi tal-PTEE ma għandhomx jitnaqqsu għall-inkoraġġiment tal-kummerċ jew l-investment.

Artikolu 53

Standards ambjentali u tat-tibdil fil-klima fil-kummerċ

1. Il-kooperazzjoni rigward il-kummerċ u rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ fl-ambitu tal-assoċjazzjoni għandha l-għan li ttejjeb l-appoġġ reċiproku bejn il-politiki u l-obbligi kummerċjali u ambjentali. Għal dawk ir-raġunijiet, il-kooperazzjoni rigward il-kummerċ u rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ fl-ambitu tal-assoċjazzjoni għandha tqis il-prinċipju ta' governanza ambjentali internazzjonali u ftehimiet ambjentali multilaterali.
2. Kooperazzjoni relatata mal-kummerċ għandha jkollha l-għan li tappoġġa l-oġettivi aħħarija tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Dan jista' jestendi wkoll għal kooperazzjoni dwar oqsma oħra relatati mal-kummerċ ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, bħall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ għall-Ispeċijiet fil-Periklu.

Artikolu 54

Standards tax-xogħol fil-kummerċ

1. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tipromwovi l-kummerċ b'tali mod li jwassal għal livell massimu ta' impjiegi produttivi u xogħol diċenti għal kulħadd.
2. L-istandards tax-xogħol li huma rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, kif inhuma definiti mill-Konvenzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, għandhom jiġu

rispettati u implimentati fil-liġi u fil-prattika. Tali standards jinkludu, b'mod partikolari, irrispett għal-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt għal negozjar kollettiv, l-abolizzjoni tal-forom kollha ta' impjeg sfurzati jew obbligatorji, l-eliminazzjoni tal-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal, l-età minima għall-ammissjoni għal impjeg u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tax-xogħol. Il-PTEE għandhom jiżguraw spezzjonijiet effikaċi tax-xogħol, miżuri effettivi għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, konsistenti mal-Konvenzjonijiet tal-ILO rilevanti u kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti għal kulħadd, fir-rigward, fost oħrajn, tal-pagi u l-qligħ, is-siġhat ta' xogħol u kundizzjonijiet oħra tax-xogħol.

Artikolu 55

Kummerċ sostenibbli ta' prodotti tas-sajd

L-assoċjazzjoni tista' tinkludi kooperazzjoni biex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli ta' stokkijiet ta' ħut, kif ukoll sabiex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux irregolat u kummerċ relatat. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam timmira li:

- (a) tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-PTEE u l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-immaniġġar tas-sajd, partikolarment fir-rigward tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni effettiva ta' skemi ta' kontroll u spezzjoni, inċentivi u miżuri għall-immaniġġar effettiv fit-tul tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar;
- (b) tippromwovi l-implimentazzjoni ta' miżuri fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux irregolat u kummerċ relatat fil-PTEE.

Artikolu 56

Kummerċ sostenibbli tal-injam

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-kummerċ tal-injam għandha l-għan li tippromwovi l-kummerċ ta' injam li jinqata' legalment. Din il-kooperazzjoni tista' tinkludi djalogu jew miżuri regolatorji kif ukoll skambju ta' informazzjoni dwar miżuri msejsa fis-suq jew miżuri volontarji bħal ċertifikazzjoni ta' foresti jew politiki ta' akkwist ekoloġiċi.

Artikolu 57

Kummerċ u żvilupp sostenibbli

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli tista' tikkonċerna:
 - (a) il-faċilitazzjoni u l-promozzjoni ta' kummerċ u investiment fi prodotti u servizzi ambjentali inkluż permezz tal-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni lokali, kif ukoll f'dawk il-prodotti li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali fil-PTEE;
 - (b) il-faċilitazzjoni tat-tneħħija ta' ostakli fuq il-kummerċ jew l-investiment fir-rigward ta' prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħall-enerġija rinnovabbli sostenibbli u prodotti u servizzi b'użu enerġetiku effiċjenti, fosthom permezz tal-aħjar teknoloġiji li huma disponibbli u permezz tal-promozzjoni ta' standards li jirrispondu għall-ħtiġijiet ambjentali u ekonomiċi u jimminimizzaw l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ;
 - (c) il-promozzjoni tal-kummerċ ta' prodotti li jikkontribwixxu għall-kundizzjonijiet soċjali u għal prattiki tajbin mil-lat ambjentali, fosthom prodotti li jkun suġġetti għal skemi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħall-kummerċ ġust u etiku, ekotikketti, u skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti naturali bbażati fuq riżorsi;

- (d) il-promozzjoni ta' prinċipji u linji gwida rikonoxxuti fil-livell internazzjonali fil-qasam tar-responsabbiltà ta' mgħiba responsabbli fin-negozju u responsabbiltà soċjali korporattiva, u l-inkoraġġiment ta' kumpaniji li joperaw fit-territorju tal-PTEE biex jimplementawhom u biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki.
2. Fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' miżuri bil-għan li jħarsu l-kundizzjonijiet ambjentali jew tax-xogħol li jistgħu jolqtu l-kummerċ jew l-investment, l-Unjoni u l-PTEE għandhom iqisu l-informazzjoni xjentifika u teknika li tkun disponibbli, u l-istandards, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali rilevanti, fosthom il-prinċipju ta' prekawzjoni.
 3. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jiżviluppaw, jintroduċu u jimplementaw b'mod trasparenti kwalunkwe miżuri bil-għan tal-ħarsien tal-ambjent u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-promozzjoni tal-kummerċ jew tal-investment.

KAPITOLU 2

KWISTJONIJIET OĦRAJN RELATATI MAL-KUMMERĊ

Artikolu 58

Pagamenti kurrenti u movimenti ta' kapital

1. Ma għandha tiġi imposta l-ebda restrizzjoni fuq kwalunkwe pagamenti f'munita li tista' tiġi konvertita liberalment fil-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagament bejn residenti tal-Unjoni u tal-PTEE.
2. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali ta' bilanċ tal-pagamenti, l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-PTEE għandhom jiżguraw moviment liberu ta' kapital għal investimenti diretti f'kumpaniji ffurmati f'konformità mal-liġijiet tal-Istat Membru, pajjiż jew territorju ospitanti u għandhom jiżguraw li l-assi ffurmati minn dan l-investment u kull profitt li joħroġ minnu jkunu jistgħu jiġu realizzati u rimpatrijati.
3. L-Unjoni u l-PTEE għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 64, 65, 66, 75, 143, 144 u 215 tat-TFUE skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih *mutatis mutandis*.
4. L-awtoritajiet tal-PTEE, l-Istat Membru kkonċernat jew l-Unjoni għandhom jinformat lil xulxin minnufih dwar kwalunkwe miżura u jressqu skeda biex jitneħħew mill-aktar fis possibbli.

Artikolu 59

Politika ta' kompetizzjoni

Il-PTEE għandhom jadottaw jew iżżommu d-dritt tal-kompetizzjoni li japplika għall-intrapriżi kollha fis-setturi kollha tal-ekonomija u li jindirizza, b'mod effettiv, il-prattiki kollha li ġejjin:

1. ftehimiet orizzontali u vertikali bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-impriżi u prattiki miftiehma, li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni;
2. abbużi minn impriża waħda jew aktar ta' posizzjoni dominanti;
3. konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, li jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew it-tiħi ta' pożizzjoni dominanti; kif ukoll

4. għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-istat minn PTEE li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi, sa fejn dan għandu effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ jew l-investment.

Artikolu 60

Protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali

1. Għandu jiġi żgurat livell ta' protezzjoni adegwat u effettiv ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali, fosthom mezz għall-infurzar ta' dawn id-drittijiet, f'konformità mal-aktar livelli internazzjonali għolja stabbiliti bil-ħsieb li jitnaqqsu d-distorsjonijiet u l-impedimenti fil-kummerċ bilaterali.
2. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni f'dan il-qasam tista' tikkonċerna t-tnejn ta' liġijiet u regolamenti għall-protezzjoni u l-infurzar ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali, il-prevenzjoni tal-abbuż ta' tali drittijiet mid-detenturi tad-dritt u tal-ksur ta' tali drittijiet minn kompetituri u appoġġ lil organizzazzjonijiet reġjonali dwar il-proprjetà intellettuali li jkunu involuti fl-infurzar u l-protezzjoni, fosthom it taħriġ ta' persunal.

Artikolu 61

L-ostakoli tekniċi għall-kummerċ

L-assoċjazzjoni tista' tinkludi kooperazzjoni fl-oqsma tar-regolamentazzjoni teknika għal prodotti, l-istandardizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità, l-akkreditazzjoni, is-sorveljanza tas-suq u l-kwalità tal-assigurazzjoni bil-għan li jitneħħew l-ostakli tekniċi żejda fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE u biex jitnaqqsu d-differenzi f'dawk l-oqsma.

Artikolu 62

Politika tal-konsumatur, protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur u l-kummerċ

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur, il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur u l-kummerċ tista' tinkludi t-tnejn ta' liġijiet u regolamenti fil-qasam tal-politika tal-konsumatur u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur, bil-għan li jiġu evitati ostakli żejda fuq il-kummerċ.

Artikolu 63

Miżuri sanitarji u fitosanitarji

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, l-iskop tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji huwa:

- (a) il-faċilitazzjoni tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE inġenerali u bejn il-PTEE u pajjiżi terzi, filwaqt li jitħarsu s-saħħa jew il-ħajja tal-bnedmin, l-annimali u l-pjanti f'konformità mal-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (il-“Ftehim SPS tad-WTO”);
- (b) l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ li jinqalgħu minn miżuri sanitarji u fitosanitarji;
- (c) l-iżgurar ta' trasparenza fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji applikabbli għall-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE;
- (d) il-promozzjoni tal-armonizzazzjoni ta' miżuri ma' standards internazzjonali, skont il-Ftehim SPS tad-WTO;
- (e) l-appoġġ tal-parteciġazzjoni effettiva tal-PTEE f'organizzazzjonijiet li jistabblixxu standards sanitarji u fitosanitarji;

- (f) il-promozzjoni tal-konsultazzjoni u l-skambji bejn il-PTEE u l-istituti u l-laboratorji Ewropej;
- (g) il-ħolqien u t-titjib tal-kapaċità teknika tal-PTEE biex jimplimentaw u jwettqu monitoraġġ ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji;
- (h) il-promozzjoni ta' trasferiment ta' teknoloġija u skambju rapidu ta' informazzjoni fil-qasam tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji.

Artikolu 64

Projbizzjoni ta' miżuri protezzjonisti

Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli 1 u ta dan il-Kapitolu ma għandhomx jintużaw bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

KAPITOLU 3

KWISTJONIJIET MONETARJI U TAT-TAXXA

Artikolu 65

Carve out tat-taxxa

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 66, it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit li jingħata skont din id-Deċiżjoni ma għandux japplika għal vantaġġi tat-taxxa li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet tal-PTEE jkunu qed jipprovdu jew ikunu jistgħu jipprovdu fil-futur fuq il-bażi ta' ftehimiet sabiex tiġi evitata tassazzjoni doppja jew arranġamenti oħra tat-taxxa, jew il-leġiżlazzjoni domestika fis-seħħ fir-rigward tat-taxxa.
2. L-ebda ħaġa f'din id-Deċiżjoni ma jista' jitqies li jipprevjeni l-adozzjoni jew l-infurzar ta' xi miżura mmirata lejn il-prevenzjoni tal-frodi li tinvolvi t-taxxa, jew l-iskartar jew l-evazzjoni tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet tat-taxxa ta' ftehimiet biex tiġi evitata tassazzjoni doppja jew arranġamenti oħra tat-taxxa, jew leġiżlazzjoni fiskali domestika fis-seħħ.
3. L-ebda ħaġa f'din id-Deċiżjoni ma għandu jitqies li jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti milli jagħmlu distinzjoni, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom, bejn kontribwenti tat-taxxi li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b'mod partikolari rigward il-post ta' residenza tagħhom, jew rigward il-post fejn jiġi investit il-kapital tagħhom.

Artikolu 66

Arranġamenti ta' taxxa u doganali għal kuntratti ffinanzjati mill-Unjoni

1. Fuq il-kuntratti ffinanzjati mill-Unjoni l-PTEE għandhom japplikaw arranġamenti tat-taxxa u tad-dwana li ma jkunux anqas favorevoli minn dawk applikati minnhom għall-Istat Membru li l-PTEE jkollu rabtiet miegħu jew għal dawk l-istati li jingħataw trattament tal-aktar nazzjon iffavorit, jew għal organizzazzjonijiet internazzjonali tal-iżvilupp li jkollhom relazzjonijiet magħhom, liema trattament ikun l-aktar favorevoli.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-arranġamenti li ġejjin għandhom japplikaw għall-kuntratti finanzjati mill-Unjoni:

- (a) il-kuntratt fil-PTEE benefiċjarju ma għandux ikun suġġett għal-dazji tal-bolla u ta' reġistrazzjoni jew għall-imposti fiskali b'effett ekwivalenti, sew jekk dawn it-tariffi jkunu jeżistu diġa' kif ukoll jekk dawn ikunu ser jiddaħħlu fil-ġejjieni; madankollu, dawn il-kuntratti għandhom jiġu reġistrati bi qbil mal-liġijiet fis-seħħ fil-PTEE u tista' titħallas imposta li tkun tikkorrispondi għas-servizz mogħti;
 - (b) profitt u/jew introjtu li jinħoloq mit-twettiq ta' kuntratti għandhom ikunu taxxabbli skont l-arranġamenti fiskali interni tal-PTEE benefiċjarju, kemm-il darba l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrealizzaw dan il-profitt u/jew introjtu jkollhom post permanenti ta' negozju f'dak il-PTEE, u li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt iddum aktar minn sitt xhur;
 - (c) impriża li jkollhom jimportaw tagħmir sabiex jwettqu kuntratti ta' xogħlijiet għandhom, jekk jitolbu dan, jibbenefikaw mis-sistema ta' ammissjoni temporanja kif preskritt mill-leġiżlazzjoni tal-PTEE benefiċjarju rigward dak it-tagħmir;
 - (d) tagħmir professjonali meħtieġ għat-twettiq ta' xogħlijiet definiti f'kuntratt ta' servizz għandhom jiddaħħlu temporanjament fil-PTEE benefiċjarju mingħajr dazji fiskali, tal-importazzjoni u tad-dwana u mingħajr ebda tariffa oħra li jkollha effett ekwivalenti fejn dawn id-dazji u l-imposti ma jikkostitwixxux rimunerazzjoni għas-servizzi mogħtija;
 - (e) importazzjonijiet skont kuntratti ta' provvista għandhom jiddaħħlu fil-PTEE benefiċjarju mingħajr dazji doganali, dazji ta' importazzjoni, taxxi jew imposti fiskali li jkollhom effett ekwivalenti. Il-kuntratti għal forniment li oriġinaw fil-PTEE inkwistjoni għandhom jiġu konklużi fuq il-bażi tal-prezzijiet ex-works tal-fornimenti, li magħhom jistgħu jiġu miżjuda dawn l-imposti fiskali interni kif jistgħu jkunu applikabbli għal dawk il-fornimenti fil-PTEE;
 - (f) fjuwils, lubrikanti u bajnders idrokarboniċi u l-materjali kollha użati fit-twettiq tal-kuntratti tax-xogħlijiet għandhom jiġu meqjusa li ġew mixtrija fis-suq lokali u għandhom ikunu suġġetti għar-regoli fiskali li japplikaw skont il-liġijiet fis-seħħ fil-PTEE benefiċjarju;
 - (g) effetti personali u ta' entità domestika importati għall-użu minn persuni fiżiċi, għajr dawk reklutati lokalment, imqabnda sabiex iwettqu xogħlijiet definiti f'kuntratt ta' servizz u membri tal-familji tagħhom, għandhom jiġu eżentati minn dazji doganali jew tal-importazzjoni, taxxi u imposti fiskali oħra li jkollhom effett ekwivalenti, fil-limiti tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-PTEE benefiċjarju.
3. Kull kwistjoni kuntrattwali mhux koperta minn paragrafi 1 u 2 għandha tibqa' suġġetta għall-leġiżlazzjoni tal-PTEE ikkonċernat.

KAPITOLU 4

ŻVILUPP FIL-KAPAĊITÀ TAL-KUMMERĊ

Artikolu 67

Approċċ ġenerali

Bil-għan li jiġi żgurat li l-PTEE jgawdu l-aħjar benefiċċju mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u li huma jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq intern tal-Unjoni kif ukoll fis-swieq reġjonali, subreġjonali u internazzjonali bl-aħjar kundizzjonijiet possibbli, l-assoċjazzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet kummerċjali tal-PTEE billi:

- (a) issaħħaħ il-kompetittività, l-indipendenza u r-reżiljenza ekonomika tal-PTEE, permezz tad-diversifikazzjoni tal-firxa u taż-żieda tal-valur u l-volum tal-kummerċ tal-PTEE fi prodotti u

servizzi u permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità tal-PTEE li tiġbed investimenti privati f'diversi setturi ta' attività ekonomika;

- (b) ittejjeb il-kooperazzjoni fil-kummerċ ta' prodotti, servizzi u l-istabbiliment bejn il-PTEE u l-pajjiżi ġirien.

Artikolu 68

Djalogu, kooperazzjoni u żvilupp tal-kapaċità tal-kummerċ

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, l-inizjattivi ta' djalogu, il-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċità kummerċjali jistgħu jinkludu:

- (a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-PTEE biex jiddefinixxu u jimplimentaw il-politiki meħtieġa għall-iżvilupp tal-kummerċ tagħhom tal-prodotti u tas-servizzi;
- (b) l-inkoraġġiment tal-isforzi tal-PTEE biex idaħħlu fis-seħħ l-oqfsa ġuridiċi, regulatorji u istituzzjonali xierqa kif ukoll il-proċeduri amministrattivi meħtieġa;
- (c) il-promozzjoni tal-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari tal-SMEs;
- (d) il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tas-swieq u tal-prodotti, fosthom it-titjib tal-kwalità tal-prodotti;
- (e) l-ġhoti ta' kontribut għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet professjonali rilevanti għall-kummerċ ta' prodotti u servizzi;
- (f) it-titjib tal-kapaċità ta' intermedjarji finanzjarji li jipprovdu lill-imprezi tal-PTEE bis-servizzi rilevanti għall-attivitajiet ta' esportazzjoni tagħhom, bħal intelligence tas-swieq;
- (g) l-ġhoti ta' kontribut għall-ħolqien ta' ambjent kummerċjali li jwassal għall-investiment.

KAPITOLU 5

KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAS-SERVIZZI FINANZJARJI U TAL-KWISTJONIJIET TAT-TASSAZZJONI

Artikolu 69

Kooperazzjoni fis-servizzi finanzjarji internazzjonali

Bil-għan tal-promozzjoni tal-istabbiltà, l-integrità u t-trasparenza tas-sistema finanzjarja globali, l-assoċjazzjoni tista' tinkludi kooperazzjoni dwar servizzi finanzjarji internazzjonali. Din il-kooperazzjoni tista' tikkonċerna:

- (a) l-ġhoti ta' protezzjoni effettiva u xierqa lil investituri u konsumaturi oħrajn tas-servizzi finanzjarji;
- (b) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
- (c) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn atturi differenti tas-sistema finanzjarja, fosthom ir-regolaturi u s-superviżuri;
- (d) il-ħolqien ta' mekkaniżmi indipendenti u effettivi għas-superviżjoni tas-servizzi finanzjarji.

Artikolu 70

Standards internazzjonali fis-servizzi finanzjarji

L-Unjoni u l-PTEE se jagħmlu l-almu tagħhom kollu biex jaraw li fit-territorju tagħhom jiġu implimentati u applikati l-istandards li dwarhom hemm qbil internazzjonali għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u fil-ġlieda kontra l-evażjoni u l-iskartar tat-taxxa. "Il-Prinċipji għal Superviżjoni Effettiva tal-Banek" tal-Kumitat ta' Basilea, "Il-Prinċipji Ewlenija tal-Assigurazzjoni" tal-Assoċjazzjonijiet Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, "L-Objettivi u l-Prinċipji tar-Regolament dwar it-Titoli" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, "Il-Ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa" tal-OECD, "Id-Dikjarazzjoni dwar it-Trasparenza u l-iskambju ta' Informazzjoni għal finijiet fiskal tal-G20, "l-Attributi Ewlenin tas-Sistemi ta' Rizzoluzzjoni Effettivi għal Istituzzjonijiet Finanzjarji" tal-Bord tal-Istabbiltà Finanzjarja.

Il-PTEE għandhom jadottaw jew iżommu qafas ġuridiku għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistemi finanzjarji tagħhom għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament ta' terroriżmu, b'mod partikolari b'kont meħud ta' strumenti ta' korpi internazzjonali attivi f'dan il-qasam, bħat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar "Standards Internazzjonali dwar il-Ġlieda kontra l-ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni — ir-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF".

Fejn il-Kummissjoni Ewropea toħroġ Deċiżjonijiet li jawtorizzaw lil Stat Membru li jikkonkludi ftehim ma' PTEE għal trasferiment ta' fondi bejn dan il-PTEE u l-Istat Membru li huwa marbut miegħu, dan it-trasferiment għandu jkun ittrattat bħala trasferiment ta' fondi fi ħdan l-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2015/847 dwar it-Trasferimenti ta' Fondi u dan il-PTEE għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 155 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 71

Kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' tassazzjoni

L-Unjoni u l-PTEE se jirrikonoxxu u jieħdu l-impenn li jimplementaw b'mod effettiv il-prinċipji tal-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, inkluż l-istandards globali dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni, it-tassazzjoni ġusta u l-istandards minimi kontra l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt. Huma se jippromwovu l-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, itejbu l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa u jiffaċilitaw il-ġbir tad-dħul mit-taxxa.

PARTI IV

KOPERAZZJONI FINANZJARJA

KAPITOLU 1

PRINĊIPJI

Artikolu 72

Riżorsi finanzjarji

L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġettivi ġenerali tal-assoċjazzjoni permezz tal-ġħoti ta':

- (a) riżorsi finanzjarji xierqa u assistenza teknika adegwata bil-ġħan tat-tiżħih tal-kapaċitajiet tal-PTEE li jifformulaw u jimplementaw oqfsa strateġiċi u regolatorji;
- (b) finanzjament fit-tul għall-promozzjoni tat-tkabbir tas-settur privat;
- (c) fejn xieraq, Programmi oħrajn tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għal azzjonijiet stabbiliti skont din id-Deċiżjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. Din id-Deċiżjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għal miżuri stabbiliti skont Programmi oħra tal-Unjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess spejjeż. F'każijiet bħal dawn, il-programm ta' ħidma li jkopri dawk l-azzjonijiet għandu jistabbilixxi liema sett ta' regoli għandu jiġi applikat.

Artikolu 73

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm għall-perjodu 2021-2027, għandu jkun ta' EUR 500 000 000, f'termini ta' prezzijiet attwali.
2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun dettaljata fl-Anness I.
3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet li tipprovdi għal flessibilità fir-Regolament [ir-Regolament il-ġdid tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali], [ir-Regolament (UE) Nru [...] u r-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 74

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Parti, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) "għajjnuna programmabbli" tfisser l-għajjnuna li ma titħallasx lura lill-PTEE għall-finanzjament ta' strateġiji u prijoritajiet territorjali u reġionali stabbiliti fid-dokumenti ta' pprogrammar;
- (b) "ipprogrammar" tfisser il-proċess ta' organizzazzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet u allokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji indikattivi bil-ħsieb tal-implimentazzjoni, fuq bażi pluriennali, f'qasam

imsemmi fil-Parti II ta' din id-Deċiżjoni, tal-azzjoni sabiex jinkisbu l-objettivi tal-assoċjazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE;

- (c) 'dokument ta' pprogrammar' huwa d-dokument li jstabbilixxi l-istrateġija, il-prijoritajiet u l-arranġamenti tal-PTEE u jittraduċi l-objettivi u l-miri tal-PTEE għall-iżvilupp sostenibbli tiegħu f'mod effettiv u effiċjenti biex jinkisbu l-objettivi tal-assoċjazzjoni.
- (d) "pjanijiet ta' żvilupp" tfisser sett koerenti ta' operazzjonijiet definiti u ffinanzjarji esklużivament mill-PTEE fil-qafas tal-politiki u l-istrateġiji ta' żvilupp tagħhom stess, u dawk maqbula bejn il-PTEE u l-Istat Membru li jkollu rabtiet miegħu;
- (e) "allokazzjoni territorjali" tfisser l-ammont allokat lill-PTEE individwali għall-għajnuna programmabbli għall-finanzjament ta' strateġiji u prijoritajiet territorjali stabbiliti fid-dokumenti ta' pprogrammar;
- (f) "allokazzjoni reġjonali" tfisser l-ammont allokat għall-għajnuna programmabbli għall-finanzjament ta' strateġiji jew prijoritajiet reġjonali komuni għal diversi PTEE u stabbiliti fid-dokumenti ta' pprogrammar;
- (g) "allokazzjoni intrareġjonali" tfisser l-ammont — fi ħdan l-allokazzjoni reġjonali — allokat għall-għajnuna programmabbli sabiex tiffinanzja l-istrateġiji u l-prijoritajiet ta' kooperazzjoni intrareġjonali li jinvolvu tal-inqas PTEE wieħed jew wieħed jew bosta diversi reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE u/jew Stat wieħed jew aktar tal-AKP u/jew Stat mhux tal-AKP u territorji.

Artikolu 75

Prinċipji ta' kooperazzjoni finanzjarja

1. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tissegjes fuq il-prinċipji tas-sħubija, is-sjeda u l-konverġenza ma' sistemi territorjali, il-kumplimentarjetà u s-sussidjarjetà.
2. L-operazzjonijiet iffinanzjati fi ħdan il-qafas ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jieħdu s-sura ta' għajnuna programmabbli jew mhux programmabbli.
3. L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għandha:
 - (a) tiġi implimentata b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi ġeografiċi, soċjali u kulturali rispettivi tal-PTEE, kif ukoll tal-potenzjal speċifiku tagħhom;
 - (b) tiżgura li l-flussi ta' riżorsi jingħataw fuq bażi prevedibbli u regolari;
 - (c) tkun flessibbli u mfassla għas-sitwazzjoni f'kull PTEE; kif ukoll
 - (d) titwettag f'konformità sħiħa mas-setgħat istituzzjonali, ġuridiċi u finanzjarji rispettivi ta' kull wieħed mis-sieħba.
4. L-awtoritajiet tal-PTEE ikkonċernati għandhom ikunu responsabbli mill-operazzjonijiet ta' implimentazzjoni bla ħsara għas-setgħat tal-Kummissjoni li jiżguraw l-immaniġġar finanzjarju sod fl-użu ta' fondi tal-Unjoni.

KAPITOLU 2

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-KOOPERAZZJONI FINANZJARJA

Artikolu 76

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

Fil-qafas tal-istrategġija u l-prijoritajiet stabbiliti mill-PTEE kkonċernati f'livell lokali u reġjonali, appoġġ finanzjarju jista' jingħata għal dawn li ġejjin:

- (a) politiki settorjali u riformi kif ukoll proġetti li jkunu koerenti magħhom;
- (b) żvilupp istituzzjonali, bini ta' kapaċità u integrazzjoni tal-aspetti ambjentali;
- (c) assistenza teknika.

Artikolu 77

Żvilupp tal-kapaċità

- 1. L-assistenza finanzjarja tista' tikkontribwixxi, fost affarijiet oħra, għall-appoġġ tal-PTEE fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet meħtieġa biex jiddefinixxi, jimplementa u jwettaq monitoraġġ ta' strategġiji territorjali u/jew reġjonali u azzjonijiet bil-għan tal-ksib tal-obiettivi ġenerali għall-oqsma tal-kooperazzjoni msemmija fil-Partijiet II u III.
- 2. L-Unjoni għandha tappoġġa l-isforzi tal-PTEE fl-iżvilupp ta' dejta statistika affidabbli dwar dawn l-oqsma.
- 3. L-Unjoni tista' tappoġġa l-PTEE fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-komparabbiltà tal-indikaturi makroekonomiċi tagħhom.

Artikolu 78

Assistenza teknika

- 1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri n-nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għall-ilħuq tal-obiettivi tagħha, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat ma' preparazzjoni, segwitu, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma meħtieġa għal tali implimentazzjoni, kif ukoll nefqa fil-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ amministrattiv meħtieġa għall-programm, u għall-ġestjoni ta' operazzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, inklużi l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, u sistemi tat-teknoloġija u tal-informazzjoni korporattiva.
- 2. Fuq l-inizjattiva tal-PTEE, jistgħu jsiru studji jew miżuri ta' għajjnuna teknika ffinanzjati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet skedati fid-dokumenti ta' pprogrammar. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja dawn l-azzjonijiet jew permezz ta' għajjnuna programmabbli jew minn pakkett allokati għal miżuri ta' kooperazzjoni teknika.

KAPITOLU 3

L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KOOPERAZZJONI FINANZJARJA

Artikolu 79

Prinċipju ġenerali

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mal-oġġettivi u l-prinċipji ta' din id-Deċiżjoni, ir-Regolament Finanzjarju, u [ir-Regolament NDICI] b'mod partikolari, it-Titolu II, Kapitolu I, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 13, 14(1), 14(4) u 15, il-Kapitolu III, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 21(2), 21(2) (a) u (b) u 21(3), u tal-Kapitolu V bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 31(1), 31(4), 31(6), 31(9) u 32(3). Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 80 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 21(2)(c) tar-[Regolament NDICI].

Artikolu 80

L-adozzjoni ta' programmi indikattivi pluriennali, pjanijiet ta' azzjoni u miżuri

Il-Kummissjoni għandha tadotta, skont din id-Deċiżjoni, fil-forma ta' "dokumenti ta' programmar individwali", programmi indikattivi pluriennali kif imsemmija fl-Artikolu 12 tar-[Regolament NDICI] flimkien mal-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri korrispondenti msemmija fl-Artikolu 19 tar-[Regolament NDICI] f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(5) ta' din id-Deċiżjoni. Dik il-proċedura għandha tapplika wkoll għal rieżamijiet imsemmija fl-Artikolu 14(3) tar-[Regolament NDICI] li jkollhom l-effett li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-kontenut tal-programm indikattiv pluriennali.

Fil-każ ta' Greenland, pjanijiet ta' azzjoni u miżuri kif imsemmija fl-Artikolu 19 tar-[Regolament NDICI] jistgħu jiġu adottati separatament minn programmi indikattivi pluriennali.

Artikolu 81

Eliġibbiltà għal finanzjament territorjali

1. L-awtoritajiet pubbliċi tal-PTEE għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju previst f'din id-Deċiżjoni.
2. Suġġett għal ftehim tal-awtoritajiet tal-PTEE kkonċernati, l-entitajiet u l-korpi li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal appoġġ finanzjarju previst f'din id-Deċiżjoni:
 - (a) aġenziji lokali, nazzjonali u/jew reġjonali pubbliċi jew semipubbliċi, dipartimenti jew awtoritajiet lokali tal-PTEE u partikolarment l-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom u banek tal-iżvilupp;
 - (b) kumpaniji u ditti tal-PTEE u ta' gruppi reġjonali;
 - (c) kumpaniji u ditti ta' Stat Membru, sabiex jgħinuhom, b'żieda mal-kontribuzzjoni tagħhom stess, biex jidħlu għal proġetti produttivi fit-territorju ta' PTEE;
 - (d) intermedjarji finanzjarji tal-PTEE jew tal-Unjoni li jippromwovu u jiffinanzjaw investimenti privati fil-PTEE; kif ukoll
 - (e) atturi ta' kooperazzjoni deċentralizzata u atturi oħra mhux governattivi mill-PTEE u mill-Unjoni, sabiex jgħinuhom jidħlu għal proġetti u programmi ekonomiċi, kulturali, soċjali u edukattivi fil-PTEE fil-qafas ta' kooperazzjoni deċentralizzata, kif imsemmi fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 82

Eliġibbiltà għal finanzjament reġjonali

1. Tista' tintuża allokkazzjoni reġjonali għal operazzjonijiet li jibbenefikaw u li jinvolvu:
 - (a) żewġ PTEE jew aktar irrispettivament mill-post tagħhom;
 - (b) il-PTEE u l-Unjoni kollha kemm hi.
 - (c) żewġ PTEE jew aktar irrispettivament minn fejn jinsabu u mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (i) wieħed jew aktar reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 TFUE;
 - (ii) wieħed jew aktar Stati tal-AKP u/jew Stat wieħed jew aktar mhux tal-AKP jew territorji;
 - (iii) wieħed jew aktar korpi reġjonali li l-PTEE jkunu msieħba fihom;
 - (v) Entità waħda jew aktar, awtoritajiet jew korpi oħra minn tal-inqas PTEE wieħed, li huma membri tar-REKT f'konformità mal-Artikolu 8 ta' din id-Deċiżjoni, reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar u Stat u/jew territorju ġar wieħed jew aktar tal-AKP u/jew mhux tal-AKP.
2. Fi ħdan l-allokkazzjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 74, l-allokkazzjoni intrareġjonali tista' tintuża għal operazzjonijiet li jibbenefikaw u jinvolvu:
 - (a) PTEE wieħed jew aktar jew reġjun imbiegħed wieħed jew aktar imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE;
 - (b) PTEE wieħed jew aktar u Stat wieħed jew aktar tal-AKP u/jew Stati jew territorji mhux tal-AKP li huma ġirien tagħhom;
 - (c) PTEE wieħed jew aktar, u reġjun imbiegħed wieħed jew aktar u Stat wieħed jew aktar tal-AKP u/jew Stati jew territorji mhux tal-AKP;
 - (d) żewġ korpi reġjonali jew aktar li l-PTEE jkun imsieħba fihom;
 - (e) Entità waħda jew aktar, awtoritajiet jew korpi oħra minn tal-inqas PTEE wieħed, li huma membri tar-REKT f'konformità mal-Artikolu 8 ta' din id-Deċiżjoni, reġjun ultraperiferiku wieħed jew aktar u Stat u/jew territorju ġar wieħed jew aktar tal-AKP u/jew mhux tal-AKP.
3. Il-finanzjament għandu jippermetti l-parteciġazzjoni tal-Istati tal-AKP, ir-reġjuni ultraperiferiċi u pajjiżi u territorji oħrajn għal programmi ta' kooperazzjoni reġjonali PTEE se jkunu addizzjonali mal-fondi allokatati lill-PTEE skont din id-Deċiżjoni.
4. Il-parteciġazzjoni tal-Istati tal-AKP, ir-reġjuni ultraperiferiċi u pajjiżi oħrajn fil-programmi stabbiliti skont din id-Deċiżjoni għandha tiġi prevista biss jekk:
 - (a) ikunu jeżistu dispożizzjonijiet ekwivalenti fil-qafas ta' programmi rilevanti tal-Unjoni jew il-programmi ta' finanzjament rilevanti ta' pajjiżi terzi u territorji mhux koperti minn programmi tal-Unjoni; kif ukoll
 - (b) jiġi rrispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Artikolu 83

Eliġibbiltà għal programmi oħrajn tal-Unjoni

1. Il-persuni fiżiċi minn PTEE, kif definiti fl-Artikolu 50, u, fejn xieraq, il-korpi u l-istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati rilevanti f'PTEE, għandhom ikunu eliġibbli għal partiċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni u għal finanzjament min-naħa tal-Unjoni suġġett

għar-regoli u l-objettivi tal-programmi u l-arranġament possibbli li jkunu applikabbli għall-Istat Membru li jkollu rabtiet mal-PTEE.

2. Il-PTEE għandu jkunu eliġibbli wkoll għal appoġġ minn programmi i strumenti tal-Unjoni għal kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn, bħar-[Regolament NDICI], suġġett għar-regoli, l-objettivi u l-arranġamenti ta' dawk il-programmi.
3. Il-PTEE għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar din il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, kull sena mill-2022.

Artikolu 84

Rapportar

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja pprovduta lill-PTEE skont din id-Deċiżjoni u għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill kull sena mill-2022 dwar l-implimentazzjoni u r-risultati ta' dik il-kooperazzjoni finanzjarja. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 85

Kontrolli finanzjarji

1. Il-PTEE għandhom jerfgħu r-responsabbiltà primarja mis-supervizzjoni finanzjarja tal-fondi tal-Unjoni. Dan għandu jitwettaq, fejn ikun xieraq, f'koordinazzjoni mal-Istat Membru li jkollu rabtiet mal-PTEE f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.
2. Il-Kummissjoni għandha tidħol responsabbli biex:
 - (a) tiżgura li sistemi ta' mmaniġġar u ta' kontroll ikunu jeżistu u jiffunzjonaw kif support fil-PTEE kkonċernat sabiex tiżgura li l-fondi tal-Unjoni jintużaw b'mod korrett u effettiv; kif ukoll
 - (b) fil-każ ta' irregolaritajiet, tibgħat rakkomandazzjonijiet jew talbiet għal miżuri korrettivi biex jiġu rrimedjati dawk l-irregolaritajiet u jiġi rettifikat kull nuqqas li jinstab.
3. Il-Kummissjoni, il-PTEE u, fejn xieraq, l-Istat Membru li huma marbuta magħhom, għandhom jikkooperaw fuq il-bażi ta' arranġamenti amministrattivi f'laqgħat annwali jew biannwali biex jikkoordinaw programmi, metodoloġiji u l-implimentazzjoni ta' kontrolli.
4. Rigward korrezzjonijiet finanzjarji:
 - (a) il-PTEE kkonċernati se jkunu responsabbli fl-ewwel istanza għas-sejba u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet finanzjarji;
 - (b) madankollu, fil-każ ta' nuqqasijiet mill-PTEE ikkonċernat, jekk il-PTEE jonqos milli jirrimedja s-sitwazzjoni u l-isforzi għal konċiljazzjoni ma jkollhomx suċċess, il-Kummissjoni għandha tiegħu azzjoni biex jitnaqqas jew jiġi rtirat il-bilanċ tal-allokkazzjoni totali li jikkorrispondi għad-deċiżjoni ta' finanzjament tad-Dokument ta' Pprogrammar.

PARTI V

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 86

Delega ta' setgħat lill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 sabiex temenda l-Annessi II, III u IV għall-fini li tikkunsidra l-iżvilupp teknoloġiku u t-tibdil fil-leġiżlazzjoni doganali u kummerċjali.

Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress ta' din id-Deċiżjoni lejn il-kisba tal-oġġettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 87, biex temenda l-Artikolu 3 tal-Anness I bil-għan li tirrieżamina jew tikkomplementa l-indikaturi fejn jitqies meħtiegħ, u biex tissupplimenta din id-Deċiżjoni b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Artikolu 87

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita fuq il-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 86 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2021. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża impliċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 86 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill b'dan.
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 86 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Kunsill.

Artikolu 88

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat (il-“Kumitat PTEE”). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011⁴³.

⁴³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

2. Għall-finijiet tal-Artikoli 10(6) u 16(8) tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali stabbilit mill-Artikolu 285(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Għall-finijiet tal-Artikolu 2 tal-Anness III u l-Artikolu 5 u 6 tal-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009⁴⁵. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
5. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
6. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.
7. Fejn l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-perjodu ta' żmien limitat għall-ġhoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew jekk maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir dan.

Artikolu 89

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż lill-midja u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 90

Il-klawsola tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE⁴⁶.

Artikolu 91

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE hija b'dan imħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁴⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.

⁴⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

2. Din id-Deċiżjoni m'għandix taffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/744/UE li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
3. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont il-predeċessor tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2013/755/UE.
4. Jekk ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit wara l-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 78, sabiex jippermettu l-ġestjoni ta' azzjonijiet li jkunu għadhom ma tlestewx sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 92
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.5. Durata u impatt finanzjarju
- 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri ta' prevenzjoni mill-frodi u mill-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja(i) tal-baġit tan-nefqa affettwata(i)
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.3. *Kontribuzzjonijiet tal-parti terza*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra ('Id-Deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni Barranija').

1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Id-Deċiżjoni hija fużjoni tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija attwali (2013/755/UE) u d-Deċiżjoni attwali ta' Greenland (2014/137/UE).

Il-qasam tal-politika huwa dan li ġej:

15. Azzjoni Esterna

15.05. Pajjiżi u territorji extra-Ewropej (inkluż Greenland)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁷

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew dirottat mill-ġdid ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-obiettiv fuq żmien twil tal-Istrument huwa l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejnhom u l-Unjoni fit-totalità tagħha. L-assoċjazzjoni għandha ssegwi dan l-obiettiv fuq żmien qasir, permezz tat-titjib tal-kompetittività tal-PTEE, it-tiżiż tar-reżiljenza tal-PTEE, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali tagħhom u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejniethom u mal-imsieħba oħrajn.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza ġuridika, l-effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex-ante*)

Il-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (PTEE) ilhom assoċjati mal-Unjoni Ewropea minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Ruma fl-1958. L-assoċjazzjoni tal-PTEE mal-Unjoni hija msejsa fuq ir-relazzjonijiet kostituzzjonali ta' dawn il-pajjiżi u t-territorji ma' tliet Stati Membri. Il-PTEE ma humiex parti mit-territorju doganali tal-Unjoni u ma jiffurmawx parti mis-Suq Intern. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-PTEE jiffaċċjaw sfidi partikolari minħabba d-daqs tagħhom, il-post, hemm huma mbiegħda u bażi ekonomika dejqa. Fuq dan l-isfond, l-UE ffinanzjat il-programmi territorjali u

⁴⁷

Kif riferut fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

reġjonali tal-FEŻ f'PTEE f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, bl-appoġġ finanzjarju l-iktar riċenti jgħaddi permezz tal-11-il FEŻ u għandu wkoll jitkompla.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' Greenland, wara referendum, huwa ħareġ mill-UE fl-1985 bil-għan li jsir PTEE. Bħala parti mill-ftehim ta' ħruġ mad-Danimarka u Greenland (it-Trattat ta' Greenland), dan tal-aħħar irċieva kumpens għat-telf tal-finanzjament tal-UE permezz ta' Ftehim tas-Sajd. Fl-2006 il-Kunsill iddeċieda li jistabbilixxi strument iddedikat biex jappoġġa l-iżvilupp ta' Greenland, minbarra l-Ftehim tas-Sajd, wara li tnaqqas il-kumpens finanzjarju għal dan tal-aħħar.

L-approċċ tal-UE għall-passi futuri fuq bażi reċiproka ffoka fuq benefiċċju reċiproku fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-PTEE u Greenland u jagħmel enfasi speċjali fuq il-prijoritajiet li huma rilevanti għalihom, bħalma huma t-titjib tal-kompetittività, it-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom u t-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tagħhom u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-PTEE u sħab reġjonali, Ewropej u internazzjonali.

L-UE tista' tipprovdi valur miżjud ibbażat fuq l-ammont ta' riżorsi permezz tal-istrumenti tagħha, modi relattivament flessibbli ta' ġestjoni u l-previdibbiltà tar-riżorsi matul il-perjodu tal-QFP.

L-UE għandha esperjenza vasta f'oqsma ewlenin ta' bżonn u interess għall-PTEE (pereżempju, il-koeżjoni reġjonali, l-integrazzjoni ekonomika, it-tibdil fil-klima), inklużi politiki ta' suċċess tiegħu (bħalma huma esperti fis-sigurtà tal-ikel miksuba permezz tal-Politika Agrikola Komuni). F'xi oqsma fejn l-Istati Membri jkun ddeċidew li ma jaġixxux jew huma mxekkla, l-UE tibqa' l-akbar jew l-uniku attur li jintervjeni.

L-UE għandha preżenza globali permezz tad-delegazzjonijiet tagħha, li jiżguraw netwerk vast ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi esperjenzati minn pajjiżi u reġjuni madwar id-dinja. Dan jippermetti li l-UE tkun dejjem konxja tal-problemi u l-ħtiġijiet ġodda u, għaldaqstant, li talloka mill-ġdid ir-riżorsi b'mod xieraq. Il-kumplementarjetajiet bejn l-azzjoni tal-UE u l-azzjonijiet li jsiru mill-Istati Membri jeżistu u qed jiżdiedu. Dan isaħħaħ id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni, li hija dejjem akbar permezz ta' programmar konġunt mal-Istati Membri.

L-UE hija kapaċi wkoll li tikkomplimenta l-attivitajiet tal-Istati Membri li jittrattaw sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi jew f'każ ta' interventi partikolarment għaljin, bħal kriżi minħabba t-tibdil fil-klima li għalih il-PTEE ta' spiss ikunu esposti għalihom.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (ex-post):

Il-valur miżjud mistenni ġġenerat permezz tad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija l-ġdida għandha ssegwi s-sejbiet tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrumenti ta' finanzjament estern. Fil-każ tal-PTEE Greenland ikkonkluda li ż-żewġ strumenti kienu adattati għall-iskop u li l-assoċjazzjoni mal-PTEE u s-sħubija ma' Greenland tat riżultati fuq il-parametri differenti evalwati (effiċjenza, eċċ.). Huwa mistenni li l-Istrument propost se jkompli jiffavorixxi din it-tendenza pożittiva.

B'mod aktar speċifiku u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-PTEE u r-relazzjoni speċjali tagħhom mal-UE, strument finanzjarju ġdid li jkopri l-PTEE kollha ser jiżgura:

l-unità ta' ġestjoni - il-PTEE kollha taħt l-istess sors ta' finanzjament (il-Baġit) se joħolqu sinerġiji fl-ipprogrammar u fl-implimentazzjoni;

il-konsolidazzjoni ta' objettivi komuni;

is-simplifikazzjoni u l-koerenza fil-qafas ġuridiku;
aktar viżibiltà għall-PTEE bħala grupp.

L-istrument propost iqis il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Marzu 2019 effettiv mal-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni fl-1 ta' Jannar 2021 u, għalhekk, ma japplikax għall-PTEE Brittaniċi.

1.4.3. *Lezzjonijiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-11-il FEŻ u d-Deċiżjoni Greenland:

Il-11-il FEŻ-PTEE: matul il-perjodu 2014–2020 u skont id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija, il-PTEE għandhom aċċess għal tliet sorsi ta' finanzjament: il-11-il FEŻ, il-baġit tal-UE (prinċipju ta' eliġibbiltà għall-programmi u l-istrumenti kollha tal-UE inklużi pereżempju l-‘komponent’ tematiku tal-SKŻ) u l-BEI. Taħt il-11-il FEŻ, il-PTEE jibbenefikaw minn EUR 364,5 miljun;

L-appoġġ finanzjarju lill-PTEE mhuwiex limitat għall-objettiv usa' tal-FEŻ għall-querda tal-faqar hekk kif l-objettiv tal-assoċjazzjoni bejn l-PTEE u l-UE huwa l-“promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u t-territorji extra Ewropej u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejnhom u l-Unjoni fit-totalità tagħha.” Is-setturi appoġġati fil-PTEE skont il-11-il FEŻ ikopru spettru kbir ta' politiki b'fokus partikolari fuq l-ambjent/il-bijodiversità/l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-enerġiji rinnovabbli, l-edukazzjoni, it-telekomunikazzjonijiet/il-konnettività diġitali u t-turiżmu. Il-11-il FEŻ instab li kien strument rilevanti u effettiv biex isostni l-objettivi tal-assoċjazzjoni UE-PTEE. Madankollu, ċerti PTEE b'mod regolari jippromwovu proċeduri ta' pprogrammar u ta' implimentazzjoni aktar sempliċi billi argumentaw li l-kapaċitajiet amministrattivi tagħhom huma limitati. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet eżistenti jiffavorixxu kooperazzjoni reġjonali bejn il-kategoriji differenti ta' atturi reġjonali (fil-PTEE, fil-pajjiżi AKP u r-Reġjuni Ultraperiferiċi/JEW ġirien tagħhom u pajjiżi li qed jiżviluppaw li mhumiex fl-AKP) ma ġewx użati b'mod suffiċjenti s'issa.

Id-Deċiżjoni Greenland: Id-Deċiżjoni 2014–2020 talloka EUR 217.8 miljun għall-Programm ta' Appoġġ Baġitarju sottostanti, l-ekwivalenti ta' EUR 31 miljun fis-sena, li huwa l-istrument ewlieni ta' finanzjament tal-UE u l-qafas regolatorju fi ħdan il-baġit tal-UE li jifforma l-bażi tar-relazzjonijiet bejn l-UE u Greenland. Dan huwa kumplimentari għad-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija. Id-Deċiżjoni Greenland hija wkoll komplementari għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2014 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Greenland. L-għan tad-Deċiżjoni Greenland huwa li żżomm ir-rabtiet mill-qrib u dejjiema bejn l-imsieħba, filwaqt li jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli ta' Greenland. Iż-żewġ objettivi ewlenin huma li jkun hemm appoġġ lil Greenland fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tiegħu (speċjalment id-diversifikazzjoni tal-ekonomija tiegħu) u biex jingħata kontribut għall-kapaċità tal-amministrazzjoni ta' Greenland biex jifformula u jimplimenta l-politiki nazzjonali. Id-Dokument tal-Ipprogrammar sottostanti għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' Greenland 2014–2020 jappoġġa l-objettivi tad-Deċiżjoni Greenland billi joħloq tkabbir għaqli permezz ta' investimenti fl-edukazzjoni u r-riċerka, u tkabbir inklużiv permezz tal-għoti ta' edukazzjoni għal parti akbar tal-popolazzjoni sabiex jiżgura l-impjiegi, jitnaqqas il-faqar u joħloq bażi sostenibbli għat-tkabbir ekonomiku.

Il-Programm ta' Appoġġ Baġitarju għall-Edukazzjoni juri progress pożittiv peress li l-maġġoranza tal-objettivi (74.12 %) intlaħqu jew ġew sodisfati ulerjorment fl-2016.

Madankollu, il-kejl tal-impatt tal-oġġettivi ekonomiċi tad-Deċiżjoni Greenland wera li kien aktar ikkumplikat peress li huma jkunu fuq żmien twil u għalhekk ma jidhrux b'mod immedjat. Minkejja dan, hemm xejriet pożittivi f'termini tal-iżvilupp ta' setturi ġodda (eż. ftuħ ta' mini), li jżid ir-rati ta' tlestija fl-edukazzjoni u ż-żieda tal-kapaċità tal-Gvern fil-formulazzjoni ta' politiki fuq perjodu ta' żmien twil. Barra minn hekk, djalogu ta' politika kontinwu formali u informali ppromwova fehim reċiproku bejn l-imsieħba u kooperazzjoni b'saħħitha f'oqsma importanti bħalma huma l-Artiku, fejn Greenland hu parti mill-Politika tal-UE dwar l-Artiku tal-2016 u jappoġġa l-applikazzjoni tal-UE għal siġġu ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku. Dawn ix-xejriet huma mistennija li jkomplu wara l-2020 u saħansitra jiġu żviluppatti aktar.

Id-Deċiżjoni Greenland tipprovdi strument "adatt għall-iskop" għall-UE u Greenland li jkompli japprofondixxi r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni wara l-2020.

L-oġġettivi tal-assoċjazzjoni mal-PTEE, inkluż Greenland, kif imsemmija fl-Artikolu 198 u 199 tat-TFUE, isejħu għal sħubija komprensiva, li tinkludi qafas istituzzjonali u arranġamenti kummerċjali u li tkopri bosta oqsma ta' kooperazzjoni kif ukoll il-prinċipji bażiċi li jirregolaw l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-PTEE. Dan jitlob għal strument ġuridiku inklużiv u komprensiv.

Meta jitqiesu l-ispeċifitàjiet tal-PTEE u r-relazzjoni speċjali tagħhom mal-UE, strument finanzjarju għdid li jkopri l-PTEE kollha, kemm dwar il-qafas politiku u ġuridiku kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni, se tiżgura effettività, konsolidazzjoni tal-oġġettivi komuni u koerenza kif ukoll iktar viżibbiltà għall-PTEE bħala grupp. Il-proposta se tressaq approċċ li huwa flessibbli u mfassal għas-sitwazzjoni partikolari ta' kull PTEE.

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija (OAD) għandha l-għan li tiżgura komplementarjetà sħiħa mal-atti leġiżlattivi ta' wara l-2020 l-aktar rilevanti, b'mod partikolari:

L-Istrument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) Sabiex ikunu żgurati l-koerenza u l-effettività, id-Deċiżjoni se, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, tapplika d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' NDICI. L-abbozz ta' regolament jipprevedi li l-PTEE se jkunu eliġibbli għal programmi tematiċi skont dan ir-regolament u għall-pilastru 3 tal-azzjonijiet ta' reazzjoni rapida. Ir-Regolament NDICI u l-OAD aġġornati li jinkludu wkoll dispożizzjoni li tagħti l-possibbiltà li jiġu stabbiliti inizjattivi intrareġjonali bejn il-PTEE, il-pajjiżi msieħba u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

Regolamenti dwar il-politika reġjonali: l-OAD aġġornata u r-regolamenti tal-politika reġjonali proposti tfasslu bil-għan li jissaħħu d-dispożizzjonijiet li jiffavorixxu l-istabbiliment ta' inizjattivi intrareġjonali li jinvolvu PTEE, pajjiżi sħab u reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

Politiki u programmi oħrajn tal-UE: Il-PTEE ser jibqgħu eliġibbli għall-politiki u l-programmi kollha tal-UE ħlief jekk iddikjarat mod ieħor fir-regolamenti rilevanti. Huma għandhom għalhekk ikunu eliġibbli għal ERASMUS +, Orizzont 2020, COSME, eċċ.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

durata limitata

fis-seħħ minn [DD/MM]SSSS sa [DD/MM]SSSS

Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata illimitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' inizjalizzazzjoni mill-2021 'l hemm.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁴⁸

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mill-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;

korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

korpi tal-liġi pubblika;

korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsim "Kummenti".

Kummenti

In-nefqa esterna teħtieġ il-kapaċità li tuża l-modi ta' ġestjoni kollha previsti, hekk kif rilevanti u deċiż waqt l-implimentazzjoni
--

⁴⁸ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Kummissjoni huma dejjem aktar iffokati fuq ir-riżultati. Dawn jinvolve l-persunal intern kif ukoll is-sħab ta' implimentazzjoni u l-ġarfien esperti esterni.

Task Managers f'Delegazzjonijiet u Kwartieri Ġenerali qegħdin kontinwament jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi, bl-użu tal-informazzjoni pprovduta mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, bħala parti mir-rapportar regolari tagħhom u inklud kull meta jkun possibbli permezz ta' żjarat fuq il-post. Il-monitoraġġ intern jipprovi informazzjoni prezzjuża dwar il-progress; huwa jgħin lill-manigġers biex jidentifikaw l-ostakoli attwali u dawk potenzjali, u biex jiehdur azzjoni korrettiva.

Barra minn hekk, l-esperti esterni u indipendenti huma kkuntrattati biex jevalwaw il-prestazzjoni tal-azzjonijiet esterni tal-UE permezz ta' tliet sistemi differenti. Dawn il-valutazzjonijiet jikkontribwixxu għar-responsabbiltà u għat-titjib tal-interventi li jkun għaddejjin; barra minn hekk huma jitgħallmu wkoll mill-esperjenza tal-passat biex jinformaw lill-politiki u l-azzjonijiet futuri.

Ir-regoli ta' monitoraġġ u rapportar proposti fir-regolament NDICI se jintużaw fil-kuntest tal-OCT (OAD ġdida, Artikolu 84).

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' finanzjament estern tal-Unjoni u, mill-2021 'il quddiem, għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati u dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Barra minn hekk, l-għodda kollha tal-monitoraġġ intern (eż. ROM), tal-evalwazzjoni u ta' rapportar tal-Kummissjoni se jkun applikabbli għall-OAD ta' wara 2020 aġġornat.

2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modi ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Metodi ta' implimentazzjoni:

Rigward il-modi ta' ġestjoni, ma hemmx bidliet fundamentali li huma previsti u l-esperjenza miksuba mis-servizzi tal-Kummissjoni u lill-atturi implimentattivi taħt il-programmi preċedenti se jikkontribwixxu għal riżultati aħjar fil-futur.

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati skont din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati b'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u/jew permezz tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u taħt ġestjoni indiretta minn kwalunkwe waħda mill-entitajiet elenkati taħt l-Artikolu 62(1) c) tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid sabiex jintlaħqu aħjar l-objettivi tar-Regolament.

Rigward ġestjoni indiretta, kif iddikjarat fl-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid, tali entitajiet għandhom jiggarrantixxu livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE ekwivalenti għal dak taħt ġestjoni diretta. Il-valutazzjoni tal-pilastru ex ante ta' sistemi u proċeduri tal-entità għandhom isiru, skont il-prinċipju

tal-proporzjonalità u bil-kunsiderazzjoni xierqa għan-natura tal-azzjoni u tar-riskji involuti. Fejn l-implimentazzjoni teħtieġ hekk jew jekk kien hemm riżervi espressi f'Rapporti ta' Attivitàjiet, pjanijiet ta' azzjoni b'miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni se jiġu definiti u implimentati. Barra minn hekk, miżuri superviżorji xierqa imposti mill-Kummissjoni jistgħu jakkumpanjaw l-implimentazzjoni.

Arkitettura ta' Kontroll Intern

Il-proċess ta' kontroll / ta' ġestjoni intern(a) huwa mfassal sabiex jipprovdi garanzija raġonevoli rigward il-kisba tal-oġġettivi fl-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tiegħu, l-affidabbiltà tar-rapportar finanzjarju u l-konformità mal-qafas leġislattiv u proċedurali rilevanti.

Effettività u effiċjenza

Biex jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tiegħu (u biex jittaffa l-livell għoli ta' riskju fl-ambjent tiegħu ta' assistenza esterna), b'żieda mal-elementi kollha tal-proċess ta' Politika u Ppjanar Strateġiku tal-Kummissjoni, l-ambjent tal-awditjar intern u rekwiżiti oħra tal-Qafas tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, is-servizzi ta' implimentazzjoni se jibqgħu jkollhom qafas ta' għajjnuna maħdum speċifikament operattiv taħt l-istrumenti kollha tagħha li jinkludi:

- Ġestjoni devoluta tal-maġġoranza tal-assistenza esterna mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam.
- Linji ċari u formalizzati ta' responsabbiltà finanzjarja (mill-uffiċjal Awtorizzanti Delegat (Direttur Ġenerali)) permezz ta' sottodelega mill-Uffiċjal Awtorizzanti Sottodelegat (Direttur) fil-Kwartieri Ġenerali lill-Kap tad-Delegazzjoni;
- Rapportar regolari mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni lill-Kwartieri Ġenerali (Rapporti dwar il-Ġestjoni tal-Assistenza Esterna) fosthom Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni annwali mill-Kap tad-Delegazzjoni;
- Provvista ta' programm sostanzjali ta' taħriġ għall-persunal kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fid-delegazzjonijiet;
- Appoġġ u gwida sinifikanti għall-Kwartieri Ġenerali/għad-Delegazzjoni (inkluż permezz tal-internet);
- Żjarat regolari ta' superviżjoni lid-delegazzjonijiet kull 3 sa 6 snin;
- Metodoloġija tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-proġett u l-programm inkluż: għodda ta' appoġġ ta' kwalità għat-tfassil tal-intervent, il-metodu ta' konsenja tiegħu, il-mekkaniżmu ta' finanzjament, is-sistema ta' ġestjoni, il-valutazzjoni u l-għażla ta' kwalunkwe sħab fl-implimentazzjoni, eċċ; il-ġestjoni ta' programmi u proġetti, l-għodod ta' monitoraġġ u rapportar għal implimentazzjoni effikaċi inkluż il-monitoraġġ estern regolari tal-proġetti fuq il-post; komponenti sinifikanti ta' valutazzjoni u ta' awditjar.
- Is-simplifikazzjonijiet se jiġu mfittxija billi jestendu l-użu ta' opzjonijiet relatati mal-kostijiet simplifikati u l-kontrodipendenza fuq xogħol ta' awditjar ta' organizzazzjonijiet sħab. Ser ikun hemm kontinwazzjoni ta' approċċ ta' kontrolli differenzjati skont ir-riskji sottostanti.

Rapportar Finanzjarju u Kontabbiltà

Is-servizzi ta' implimentazzjoni se jkomplu jaħdmu biex jilħqu l-ogħla standards ta' rrapportar ta' kontabbiltà u dak finanzjarju bl-użu tas-sistema tal-Kummissjoni ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti (ABAC) kif ukoll għodod speċifiċi bħas-Sistema ta' Informazzjoni Komuni Relex (CRIS) u s-suċċessur tagħha (OPSYS).

Fir-rigward tal-konformità mal-qafas leġislattiv u proċedurali rilevanti, il-metodi ta' kontroll tal-konformità huma stabbiliti fit-taqsim 2.3 (miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet).

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

L-ambjent tar-riskju

L-ambjent operazzjonali tal-għajnuna taħt dan l-istrument huwa kkaratterizzat mir-riskji segwenti li ma jintlaħqux l-oġġettivi tal-istrument, ġestjoni finanzjarja subottimali u/jew li ma jkunx hemm konformità mar-regoli applikabbli (żbalji ta' legalità u ta' regolarità):

- l-instabbiltà ekonomika/politika u/jew id-diżastri naturali jistgħu jwasslu għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' interventi, partikolarment fi stati fraġli;
- in-nuqqas ta' kapaċità istituzzjonali u amministrattiva fil-pajjiżi sħab jista' jwassal għal diffikultajiet u dewmien fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' interventi;
- il-proġetti u l-programmi mxerrdin fuq bażi ġeografika (li jkopru bejn wieħed u ieħor ħafna stati/territorji/reġjuni) jistgħu joħolqu sfidi ta' loġistika jew ta' riżorsi għall-monitoraġġ - partikolarment matul kwalunkwe attivitajiet ta' segwitu fuq il-post;
- id-diversità tas-sħab/tal-benefiċjarji potenzjali flimkien mal-varji strutturi u kapaċitajiet interni ta' kontroll tagħhom jistgħu jifframentaw, u għalhekk inaqqsu, l-effettività u l-effiċjenza tar-riżorsi disponibbli tal-Kummissjoni għall-appoġġ u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni;
- il-kwalità fqira u n-nuqqas ta' kwantità tad-dejta disponibbli dwar ir-riżultati u l-impatt tal-għajnuna esterna / l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp nazzjonali fil-pajjiżi sħab jistgħu jfixxlu l-abbiltà tal-Kummissjoni biex tirrapporta dwar ir-riżultati u biex tkun responsabbli għalihom;

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-pagament u fl-għeluq)*

Dawn il-kostijiet ta' kontroll intern / kostijiet ta' ġestjoni jirrappreżentaw madwar 4 % tal-istima medja annwali ta' EUR 12,78 biljun ppjanati għall-impenji globali (operazzjonali + amministrattivi) fuq il-portafoll tan-nefqa ffinanzjat mill-Baġit Ġenerali tal-UE għall-perjodu 2021-2027. Dan il-kalkolu tal-kontroll tal-kost jirreferi biss għall-ispejjeż tal-Kummissjoni, bl-esklużjoni tal-Istati Membri jew tal-entitajiet fdati. Entitajiet fdati jistgħu jżommu sa 7 % għall-amministrazzjoni ta' fondi, li tista' tiġi parzjalment użata għal skopijiet ta' kontroll.

Dawn il-kostijiet tal-ġestjoni jkopru lill-persunal kollu fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll dak impjegat fid-delegazzjonijiet, tal-infrastruttura, tal-ivvjaġġar, tat-taħriġ, tal-

monitoraġġ, tal-evalwazzjoni u tal-kuntratti ta' awditjar (inklużi dawk mmedija mill-benefiċjarji).

Il-proporzjon ta' attivitajiet ta' ġestjoni / attivitajiet operazzjonali jista' jitnaqqas maż-żmien fuq il-bażi tal-arranġamenti mtejba u ssimplifikati tal-istrument l-ġdid, filwaqt li tibni fuq il-bidliet li aktarx se jiġu introdotti permezz tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Il-benefiċċji ewlenin ta' dawn il-kostijiet ta' ġestjoni huma miksuba permezz tal-kisba tal-objettivi tal-politika, użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi, u l-eżerċizzju ta' miżuri preventivi kost-effettivi u robusti u verifiki oħra biex jiżguraw l-użu legali u regolari tal-fondi.

Filwaqt li se tkompli l-ħidma għat-titjib fin-natura u fl-immirar tal-attivitajiet ta' ġestjoni u tal-kontrolli ta' konformità fir-rigward tal-portafoll, dawn il-kostijiet huma ġeneralment meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrumenti b'mod effikaċi u effiċjenti, b'riskju minimu ta' nuqqas ta' konformità (żball residwu taħt it-2 %). Dawn huma sinifikament inqas minn riskji li jistgħu jirriżultaw mit-tneħħija jew mit-naqqis tal-kontrolli interni f'dan il-qasam ta' riskju għoli.

Il-livell ta' riskju mistenni ta' nonkonformità mar-regoli applikabbli

L-objettiv ta' konformità għall-Istrument huwa li jżomm livell storiku ta' riskju ta' nuqqas ta' konformità (rata ta' żball) li huwa livell reżidwu 'nett' ta' żball (fuq bażi pluriennali wara li jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet ippjanati kollha f'kuntratti magħluqa) ta' inqas minn 2 %. Dan tradizzjonalment jikkorrispondi għal firxa stmata ta' żbalji ta' 2-5 % f'termini ta' kampjun aleatorju annwali ta' tranżazzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-finijiet tad-Dikjarazzjoni annwali ta' Assigurazzjoni (DAS). Il-Kummissjoni tqis li dan huwa l-aktar riskju ta' nuqqas ta' konformità baxx, li jista' jiġi akkwistat billi jiġi kkunsidrat l-ambjent ta' riskju għoli tiegħu u billi jitqiesu l-piż amministrattiv u l-effettività f'termini ta' kostijiet meħtieġa għall-kontrolli ta' konformità. Meta jiġu identifikati xi nuqqasijiet, se jiġu implimentati miżuri korrettivi mmirati li jiżguraw rati ta' żball minimi.

2.3. Miżuri ta' prevenzjoni mill-frodi u mill-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Minħabba l-ambjent ta' riskju għoli, jeħtieġ li s-sistemi jantiċipaw okkorrenza sinifikanti ta' żbalji ta' konformità (irregolaritajiet) potenzjali fit-tranżazzjonijiet u jibnu livell għoli ta' kontrolli ta' prevenzjoni, skoperta u korrezzjoni malajr kemm jista' jkun fil-proċess ta' pagament. Dan ifisser fil-prattika li l-kontrolli tal-konformità se jiddependu l-aktar fuq kontrolli ex ante fuq bażi pluriennali sinifikanti kemm mill-awdituri esterni kif ukoll mill-persunal tal-Kummissjoni fuq il-post qabel il-pagamenti finali tal-proġett (filwaqt li xorta jwettqu xi verifiki ex-post), li jmur ferm lil hinn mis-salvagwardji finanzjarji meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju. Il-qafas tal-konformità hu magħmul fost l-oħrajn mill-komponenti sinifikanti li ġejjin:

Miżuri preventivi:

- Taħriġ ewleni obligatorju li jkopri kwistjonijiet ta' frodi minn persunal inkarigat mill-ġestjoni tal-għajjnuna u l-awdituri;
- L-għoti ta' gwida (inkluż permezz tal-internet) partikolarment permezz tal-Gwida Prattika għall-Kuntratti, il-Manwal tad-DEVCO u s-sett ta' għodod għall-Ġestjoni tal-Finanzi (għas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni);

- Il-valutazzjoni ex-ante sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet responsabbli mill-ġestjoni tal-fondi rilevanti taħt ġestjoni konġunta u deċentralizzata, jieħdu l-miżuri xierqa ta' kontra l-frodi li bihom jipprevjenu u jikkonfrontaw l-frodi fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE;
- L-analiżi ex-ante tal-mekkaniżmi ta' kontra l-frodi disponibbli fil-pajjiż imsieħeb bħala parti mill-valutazzjoni tal-kriterju ta' eliġibbiltà tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi għall-appoġġ mill-baġit (jiġifieri impenn attiv fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, awtoritajiet ta' spezzjoni xierqa, kapaċità ġudizzjarja suffiċjenti u rispons effiċjenti u mekkaniżmi ta' sanzjonijiet);
- Miżuri ta' detezzjoni u miżuri korrettivi;
- L-eżerċizzji esterni tal-awditjar u l-verifiki (kemm dawk obligatorji kif ukoll dawk ibbażati fuq ir-riskju), inkluża l-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
- Il-kontrolli retrospettivi (ibbażati fuq ir-riskju) u l-irkupri;
- Sospensjoni tal-finanzjament tal-UE fejn ikun hemm każ serju ta' frodi, inkluża korruzzjoni fuq skala kbira, sakemm l-awtoritajiet jieħdu azzjoni xierqa bil-għan li jikkoreġu u jipprevjenu tali frodi fil-futur;
- EDES (Detezzjoni Bikrija ta' Esklużjoni);
- Sospensjoni/tmien tal-kuntratt;
- Proċedura ta' esklużjoni

L-istrateġiji kontra l-frodi tas-servizzi kkonċernati, li jiġi riveduti regolarment, se jiġu adattati kif meħtieġ ladarba l-verżjoni l-ġdida tal-Kummissjoni kontra l-frodi (CAFS) ser tiġi ppubblikata, bil-għan li jiżgura *inter alia* li:

kontrolli interni relatati għal kontra l-frodi jkunu allinjati għal kollox mal-CAFS;

L-approċċ ta' ġestjoni tar-riskju ta' frodi huwa mmirat li jidentifika l-oqsma ta' riskju ta' frodi u r-reazzjonijiet adegwati;

Is-sistemi użati biex jintefqu l-fondi tal-UE f'pajjiżi terzi jippermettu dejta rilevanti sabiex tiġi rkuprata bil-ħsieb li din id-dejta tintuża għall-ġestjoni tar-riskju tal-frodi (eż. il-finanzjament doppju);

Fejn meħtieġ, jistgħu jiġu stabbiliti gruppi ta' networking u għodod xierqa tal-IT dedikati għall-analiżi tal-każijiet tal-frodi marbuta mas-settur tal-għajjuna esterna

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru 15 —Azzjoni Esterna [VI][Intestatura VI]	Diff./Mhux diff ⁴⁹ .	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA ⁵⁰	mingħand il-pajjiżi kandidati ⁵¹	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
VI	15 01 05 Nefqa ta' appoġġ għall-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (inkluż Greenland)	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
VI	15 05 01 Il-Pajjiżi u territorji extra-Ewropej	Diff.	LE	LE	LE	LE
VI	15 05 02 Greenland	Diff.	LE	LE	LE	LE

⁴⁹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁵⁰ EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁵¹ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

INTESTATURA PLURIENNALI	TAL-QAFAS	FINANZJARJU	<6>	[Intestatura VI II-Viċinat & d-dinja]
--------------------------------	------------------	--------------------	-----	---------------------------------------

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)	Impenji	(1)	65,927	67,252	68,604	69,984	71,391	72,827	74,292		490,275
	Pagamenti	(2)	14,811	28,930	38,801	48,039	55,861	60,659	63,888	179,286	490,275
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm ⁵²	Impenji = Pagamenti	(3)	1,329	1,349	1,369	1,389	1,409	1,429	1,449		9,725
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	67,256	68,601	69,973	71,373	72,800	74,256	75,741		500,000
	Pagamenti	=2+3	16,140	30,279	40,170	49,429	57,270	62,089	65,338	179,286	500,000

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	---	-------------------------

Din it-taqsimha għandha timtela bl-użu “tad-dejta baġitarja ta' natura amministrattiva” li qabel kollox trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) li jittella' fid-DECIDE għal finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

⁵² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (preċedement linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani		1,712	1,712	1,712	1,712	1,712	1,712	1,712		11,986
Nefqa amministrattiva oħra		0,116	0,116	0,116	0,116	0,116	0,116	0,116		0,811
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	1,828	1,828	1,828	1,828	1,828	1,828	1,828		12,797

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fi-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	69,084	70,429	71,801	73,201	74,628	76,084	77,569		512,797
	Pagamenti	17,968	32,107	41,998	51,257	59,098	63,917	67,166	179,286	512,797

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	1,712	1,712	1,712	1,712	1,712	1,712	1,712	11,986
Nefqa amministrattiva oħra	0,116	0,116	0,116	0,116	0,116	0,116	0,116	0,811
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1,828	1,828	1,828	1,828	1,828	1,828	1,828	12,797

Barra mill- INTESTATURA 7⁵³ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0,829	0,829	0,829	0,829	0,829	0,829	0,829	5,805
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,500	0,520	0,540	0,560	0,580	0,600	0,620	3,920
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1,329	1,349	1,369	1,389	1,409	1,429	1,449	9,725

TOTAL	3,158	3,178	3,198	3,218	3,238	3,258	3,278	22,523
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

⁵³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (preċedement linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani.

Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full time

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni	11	11	11	11	11	11	11
Delegazzjonijiet	1	1	1	1	1	1	1
Riċerka							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED ⁵⁴							
Intestatura 7							
Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	6	6	6	6	6	6
	- fid-delegazzjonijiet	6	6	6	6	6	
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm ⁵⁵	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-delegazzjonijiet						
Riċerka							
Oħrajn (speċifika)							
TOTAL	24	24	24	24	24	24	24

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanji	Il-kompiti ser ikunu l-istess bħal fil-preżent (politika, iprogrammar, finanzi u kuntratti oħrajn ta' kompiti orizzontali),
Persunal estern	Il-kompiti ser ikunu l-istess bħal fil-preżent (politika, iprogrammar, finanzi u kuntratti oħrajn ta' kompiti orizzontali),

⁵⁴ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

⁵⁵ Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.3. Kontribuzzjonijiet tal-parti terza

Il-proposta/l-inizjattiva:

ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament:	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

Il-proposta/l-inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.

Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

- dwar ir-riżorsi proprji

- fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁵⁶						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu							

⁵⁶ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-naqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.